# RAPPORT TA' ĦIDMA

KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ



05

**Pubblikazzjoni:**
Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità
Ċentru Ħidma Soċjali
Santa Venera
Tel: 2148 7789
Fax: 2148 4609
Textelefon: 2144 6536
E-mail: helpdesk@knpd.org

www.knpd.org

ISBN No:

Dan il-ktejjeb jista' jinkiseb minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni
jew fuq audio bil-Malti mill-uffiċċini tal-Kummissjoni.

An English version of this book is available on the Commission's website
or from the Commission's offices.

# L-Impenn

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità timpenja ruħha biex is-soċjetà Maltija tkun waħda inklużiva, b'mod li l-persuni b'diżabilità permezz ta' opportunitajiet indaqs fl-oqsma kollha tal-ħajja jilħqu l-milja tagħhom bħala bnedmin li jgawdu minn kwalità ta' ħajja għolja. Fit-twettiq ta' dan l-impenn, il-Kummissjoni taħdem biex is-soċjetà telimina kull forma ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta kontra l-persuni b'diżabilità jew il-familji tagħhom filwaqt li tipprovdilhom l-għajnuna u l-appoġġ meħtieġ.

# Kapitlu 1 INTRODUZZJONI

# 1. It-Twaqqif tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) twaqqfet għall-ewwel darba fit-3 ta' Novembru, 1987, meta l-Ministru għall-Politika Soċjali ta' dak iż-żmien kien għamel stqarrija parlamentari li fiha ħabbar li kien ħatar l-ewwel membri ta' din il-Kummissjoni. Fl-10 ta' Frar 2000, il-Kummissjoni twaqqfet uffiċjalment, din id-darba skond l-Att Nru. 1 tas-Sena 2000, il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). F'din l-istess liġi ġew stabbiliti l-għanijiet tal-Kummissjoni.

# 2. L-Għanijiet tal-Kummissjoni

L-għanijiet tal-Kummissjoni skond kif imniżżla f'Taqsima V Artiklu 22 tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) huma li:

- tidentifika, tistabbilixxi u taġġorna kull prinċipju ta' eżekuzzjoni nazzjonali li sew direttament u sew indirettament ikollu x'jaqsam ma' affarijiet ta' diżabilità;

- tidentifika l-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità, tal-familji tagħhom u ta' korpi volontarji li jkunu jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità u tieħu dawk il-passi kollha meħtieġa, jew tipproponi miżuri xierqa, sabiex kemm jista' jkun tipprovdi għal dawk il-ħtiġijiet;

- tiżgura li kull programm tal-Gvern li jkun jolqot l-affarijiet u l-interessi ta' persuni b'diżabilità, tal-familji tagħhom u ta' korpi volontarji li jkunu jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità, jitwettaq skond il-prinċipji ta' eżekuzzjoni nazzjonali dwar affarijiet li jkollhom x'jaqsmu mad-diżabilità;

- tiżgura li jkun hemm il-koordinazzjoni meħtieġa bejn id-Dipartimenti u l-aġenziji kollha tal-Gvern fit-twettiq ta' miżuri, servizzi jew inizjattivi li jiġu proposti mill-Gvern jew mill-Kummissjoni minn żmien għal żmien;

- iżżomm kuntatt dirett u kontinwu ma' korpi lokali u barranin li jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità, u ma' gruppi, aġenziji, jew individwi oħra skond il-ħtieġa;

- tissorvelja l-għoti ta' servizzi offruti mill-Gvern jew l-aġenziji tiegħu, jew minn kull persuna jew grupp ta' persuni oħra, meta l-klijenti ta' dawk is-servizzi jkunu persuni b'diżabilità;

- taħdem biex titneħħa kull diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità;

- twettaq investigazzjonijiet ġenerali bil-għan li tistabbilixxi jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ikunux qegħdin jitħarsu;

- tinvestiga dawk l-ilmenti li jistgħu jsirulha dwar xi nuqqas ta' tħaris ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att f'xi każ individwali u, meta dan ikun jista' jsir, tikkonċilja għar-rigward ta' dawk l-ilmenti;

- tidħol fil-mertu ta' kwistjonijiet, u tiddeċiedi dwarhom, meta dawn jiġu lilha riferiti mill-Ministru;

- tipprovdi għajnuna, skond iċ-ċirkustanzi, inkluża għajnuna legali u finanzjarja, lil persuni b'diżabilità fil-ksib ta' jeddijiethom bis-saħħa ta' dan l-Att;

- tibqa' tissorvelja t-tħaddim ta' dan l-Att u, meta l-Kummissjoni jkun hekk jidhrilha

jew hekk tinħtieġ li tagħmel mill-Ministru, tabbozza u tissottometti lill-Ministru proposti għal emendi fl-Att;

- teżamina liġijiet, u (meta l-Ministru hekk jitlobha li tagħmel) tipproponi liġijiet, bil-għan li taċċerta jekk il-liġijiet attwali jew proposti jkunux jew jistgħux ikunu inkonsistenti ma' l-għanijiet ta' dan l-Att jew imorru kontriehom, u jwasslu rapport lill-Ministru dwar ir-riżultati ta' kull analiżi simili;

- tipprovdi dawk is-servizzi kollha li jistgħu jinħtieġu jew jintalbu mill-Kummissjoni sabiex din tkun tista' tilħaq l-għanijiet tagħha;

- tiġbor, tanalizza u tippubblika statistika dwar il-qasam tal-persuni b'diżabilità li, fost ħwejjeġ oħra, tkun turi l-livell nazzjonali milħuq fil-politika dwar l-inklużjoni.

## 3. Il-Perjodu ta' dan ir-Rapport Annwali

Dan ir-rapport ikopri s-sena kalendarja 2005 u qed isir skond kif jitlob Artiklu 30 tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). Dan ir-rapport ma jinkludix il-ħidma li l-Kummissjoni wettqet fit-tħaddim u t-tħaris tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs peress li din ġiet ippubblikata f'rappot separat li jinsab ukoll fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org.

## 4. L-Istruttura tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità

4.1 Il-membri tal-Kummissjoni nħatru mill-Prim Ministru fuq il-parir tal-Ministru tal-Familja u s-Soliderjetà Soċjali għal sentejn u din hi t-tieni sena tagħhom. Matul din is-sena l-kompożizzjoni tal-Kummissjoni kienet kif jidher f'Tabella Numru 1.

4.2 Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Artiklu 21) titlob li nofs il-membri tal-Kummissjoni jkunu persuni b'diżabilità jew membri tal-familja ta' persuni b'diżabilità. Il-kompożizzjoni preżenti tal-Kummissjoni tissodisfa dan il-kriterju minħabba li minn 14-il membru, 4 persuni għandhom diżabilità u 3 huma membri tal-familja ta' persuni b'diżabilità.

4.3 Fil-bidu ta' din is-sena, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienx għad hemm il-bżonn li jkollha l-**Eżekuttiv** tagħha u għalhekk dan ma ġiex appuntat.

4.4 Matul din is-sena, il-Kummissjoni ltaqgħet 12-il darba.

4.5 Matul din is-sena, is-Segretarjat tal-Kummissjoni ħareġ rapport ta' kull xahrejn lill-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, lill-membri tal-Kummissjoni u lill-pubbliku ġenerali. Dan ir-rapport jitpoġġa fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

## 5. Is-Segretarjat tal-Kummissjoni

5.1 Il-Kummissjoni ppreżentat ir-Rapport Annwali tagħha għas-sena 2004 waqt konferenza stampa li saret fi Frar 2005. Dan ir-rapport tqassam lil dawk kollha li jaħdmu f'dan il-qasam u setà jinkiseb

**TABELLA 1**

**Kompożizzjoni tal-Kummissjoni 2005**

| ISEM | STATUS |
|---|---|
| Is-Sur Joseph M. Camilleri [a] | Ċermen |
| Dr Anthony Charles [a] | Il-Viċi Ċermen, Settur Volontarju |
| Is-Sur Jesmond Schembri | Il-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali |
| Is-Sinj Myriam Aquilina | Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Xogħol u Żgħażagħ |
| Dr Marvic Sammut | Il-Ministeru tas-Saħħa u Servizzi fil-Komunità |
| Is-Sur Alfred Camilleri | Il-Ministeru tal-Finanzi |
| Is-Sur Noel Formosa | Il-Ministeru għal Għawdex |
| Is-Sinj Sarah Cuschieri | L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali |
| Dr Marie Alexander | L-Università ta' Malta |
| Fr Martin Micallef | L-Arċidjoċesi ta' Malta |
| Is-Sur Karl Borg [a] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sinj Rita Borg[a] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sur Wenzu Dalli [a][b] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sinj Marthese Mugliette [c] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sinj Pam Muscat [c] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sur John Peel [c] [d] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sur Fred Bezzina | Segretarju |

*(a) Dawn il-persuni huma persuni b'diżabilità kif jitlob artiklu 21 tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità).*

*(b) Is-Sur Dalli miet fis-16 ta' April 2005 waqt li kien għadu membru tal-Kummissjoni.*

*(c) Dawn il-persuni huma membri tal-familji ta' persuni b'diżabilità kif jitlob artiklu 21 tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità).*

*(d) Is-Sur Peel reġa' ħa postu fuq il-Kummissjoni mill-1 ta' Awissu 2005.*

mill-Kummissjoni bil-Malti jew bl-Ingliż, verżjoni awdjo bil-Malti, tipa kbira jew minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni bil-Malti jew bl-Ingliż.

5.2 Fil-preżent, fis-Segretarjat tal-Kummissjoni hemm tmintax-il persuna li jaħdmu *full-time* u tlieta li jaħdmu *part-time*, li minnhom disgħa għandhom diżabilità. Is-Segretarjat jaħdem biex joffri opportunitajiet ugwali ta' xogħol f'kull livell.

5.3 Il-Kummissjoni xtrat is-servizzi ta' erbatax-il professjonist biex hi tkun tista' tiffunzjona b'mod effettiv. Dawn kienu jinkludu servizzi professjonali dwar:

(a) il-Liġi Opportunitajiet Indaqs;
(b) l-ivvettjar ta' diversi applikazzjonijiet;
(c) rapporti u żjajjar fid-djar għas-Servizz Għajnuniet Speċjali;
(d) l-ivvettjar ta' applikazzjonijiet għall-iżvilupp u bini li jsiru lill-Awtorità Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA);
(e) il-kontijiet finanzjarji tagħha;
(f) il-protezzjoni tad-dejta.

5.4 Kull sena l-Kummissjoni torganizza *Staff Development Day* bil-għan li jkun hemm sessjoni ta' taħriġ u ankè żvilupp fit-tim tal-membri tas-segretarjat. Din is-sena t-taħriġ kien intiż li jiffoka fuq *harassment* in ġenerali, però dan seta' jsir biss relatat mal-ġender. Il-kelliema kienet is-Sinj Sina Bugeja, Direttur tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa.

5.5 Il-Kummissjoni kompliet ukoll programm ta' taħriġ ma' membri individwali ta' l-istaff tagħha ankè permezz ta' programmi ta' l-Unjoni Ewropea. Matul l-2005 ittieħdu dawn l-inizjattivi:

- Bħala parti mill-proġett Leonardo ta' l-UE, is-Sinj Marianne Debono, Maniġer fit-Taqsima Opportunitajiet Indaqs tal-Kummissjoni, għamlet żjara ta' studju fl-uffiċini tad-*Disability Rights Commission* (DRC), f'Manchester, ir-Renju Unit. Id-DRC hi l-ekwivalenti tal-KNPD hemmhekk u din iż-żjara ffukat fuq il-proċess li d-DRC tuża meta tittratta każijiet ta' diskriminazzjoni. Barra minn hekk din iż-żjara kompliet saħħet ir-relazzjonijiet diġà tajbin ħafna bejn il-KNPD u d-DRC, li tinkludi l-qsim ta' letteratura taż-żewġ organizzazzjonijiet u l-qsim ta' pariri.

- Is-Sinj Vickie Sciberras, l-uffiċjal tal-Kummissjoni li tieħu ħsieb is-Servizz Għajnuniet Speċjali, għamlet żjara ta' studju fir-Renju Unit permezz tal-Programm Leonardo ta' l-UE. Hi żaret id-*Disability Living Foundation* u l-*Queen's Mobility Centre* fejn, fost affarijiet oħra, setgħet tara kif jiffunzjona apparat sabiex isiru testijiet għal sewwieqa b'nuqqas ta' mobilità.

5.6 Matul din is-sena, il-konsulenti tal-Kummissjoni dwar il-Protezzjoni tad-Dejta ffinalizzat ir-rapport tagħha dwar il-miżuri li l-Kummissjoni għandha tieħu biex tkun aktar kompatibbli mal-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Dejta. Uħud mir-rakkomandazzjonijiet diġa ġew implimentati, waqt li ttieħdu diversi miżuri biex l-oħrajn jiġu implimentati fl-iqsar żmien possibbli.

5.7 Rigward il-premisis tal-Kummissjoni, matul din is-sena, ittieħdu dawn il-miżuri:

a) sar eżerċizzju biex il-bini kollu taċ-Ċentru Ħidma Soċjali jkollu sistema effiċjenti ta' l-elettriku. Il-Kummissjoni investiet sostanzjalment biex il-parti tagħha tkun kif suppost;
b) ikun hemm sistema ta' sinjali għaċ-Ċentru kollu;
c) il-lift tan-naħa tal-Kummissjoni jiġi amministrat mill-Kummissjoni;
d) żewġt ikmamar fis-sala ta' ħdejn l-uffiċini tal-Kummissjoni jinbidlu f'librerija tal-Kummissjoni biex tospita ċ-Ċentru tar-Riżorsi tagħha, u hekk dan ikun aċċessibbli għall-akbar għadd possibbli ta' persuni.

# 6. Is-Servizzi tal-Kummissjoni

6.1 Is-servizzi li l-Kummissjoni tagħti lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom huma dawn:

- Ir-Reġistru Nazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità;
- Il-Karta ta' l-Identità Speċjali;
- Investigazzjoni ta' Lmenti ta' Diskriminazzjoni;
- Is-Servizz Għajnuniet Speċjali;
- Iċ-Ċentru tar-Riżorsi;
- Korsijiet dwar l-Oqsma fid-Diżabilità;
- Il-Programm PEKTUR;
- Servizz lill-Persuni b'Diżabilità li għandhom Imġiba Diffiċli Ħafna.

6.2 Il-Kummissjoni tagħmel rakkomandazzjonijiet lid-dipartimenti rispettivi għal dawn il-benefiċċji:

- L-ivvettjar ta' applikazzjonijiet għall-iżvilupp lill-Awtorità Maltija dwar l-Ippjanar u l-Ambjent (MEPA);
- L-eżenzjoni mid-dazju fuq karozzi lill-Ministeru tal-Finanzi;
- L-eżenzjoni mill-ħlas tal-liċenzji tat-triq lid-Dipartiment tal-Liċenzji;
- Il-*Blue Sticker* lill-Kummissarju tal-Pulizija;
- Permessi ta' Xogħol lil Assistenti Personali lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ;
- Reviżjoni ta' Deċiżjonijiet dwar ir-*Reserved Parking* lill-Awtorità dwar it-Trasport.

6.3 Rapporti dettaljati dwar dawn is-servizzi qed jingħataw f'dan ir-rapport fit-taqsimiet rispettivi tagħhom.

# Kapitlu 2 PJAN TA' AZZJONI

# 1. Il-Programm Dinji ta' Azzjoni Dwar il-Persuni b'Diżabilità

Il-Kummissjoni hi obbligata li taħdem skond kif hemm stipulat fil-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). Barra minnhekk, il-Kummissjoni, bħal ma għamlet fil-passat, kompliet timxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet u l-proposti li l-Ġnus Magħquda fasslet u rrakkomandat lill-Gvernijiet kollha fil-Programm Dinji ta' Azzjoni Dwar il-Persuni b'Diżabilità li ħareġ fl-1983. Dan ir-rapport hu mqassam fuq l-istess linji ta' dan il-programm. Fi tmiem is-sena 1993, il-Ġnus Magħquda ħarġet ukoll ir-Regoli Standard għal Opportunitajiet Indaqs għall-Persuni b'Diżabilità. Dan id-dokument jikkomplimenta u jkompli jiżviluppa l-Programm Dinji u għalhekk il-Kummissjoni, matul dan il-perjodu, żammet dawn ir-Regoli Standard ukoll bħala riferenza importanti fit-twettiq ta' ħidmietha.

# 2. Il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali

Biex il-qasam tal-persuni b'diżabilità jkun parti integrali mill-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiż, il-Gvern illegiżla biex il-Kummissjoni tifforma parti mill-Kumitat Ċivili tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku. Il-Kummissjoni hi rappreżentata fuq dan il-Kumitat miċ-Ċermen is-Sur Joe Camilleri.

# 3. Ir-Reġistru Nazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità

3.1 Matul dan il-perjodu, il-Kummissjoni kompliet tibni r-Reġistru tal-Persuni b'Diżabilità bil-għan li hi tkun tista' tikkomunika kemm permezz ta' letteratura tagħha stess kif ukoll permezz ta' letteratura ta' entitajiet oħra li juru din ix-xewqa. Barra minnhekk dan ir-reġistru jsir biex minnu noħorġu statistika dwar dan is-settur. Matul din is-sena, il-Kummissjoni ddeċidiet li tillimita drastikament l-informazzjoni li jkun fih dan ir-Reġistru. Kull persuna li tapplika għal Karta' ta' l-Identità Speċjali li l-Kummissjoni toħroġ lill-persuni b'diżabilità tidħol awtomatikament f'dan ir-Reġistru.

3.2 Il-Kummissjoni tirċievi numru ta' talbiet mingħand entitajiet differenti, bħal ma huma: għaqdiet tal-persuni b'diżabilità, Kunsilli Lokali, kappillani, studenti universitarji, u l-bqija, biex jagħmlu użu minn din l-informazzjoni biex ikunu jistgħu jagħmlu kuntatt ma' dawk reġistrati jew ma' numru minnhom. Il-Kummissjoni, minħabba li hi marbuta strettament bil-kunfidenzjalità u għalhekk ma tistax tgħaddi din l-informazzjoni lil ħaddieħor, xorta għażlet li tgħin. Hi titlob lil dawk li jridu jużaw dan is-servizz biex jipprovdu l-informazzjoni li jridu jibagħtu ħalli din tintbagħat mill-Kummissjoni stess. Matul din is-sena, il-Kummissjoni pprovdiet dan is-servizz lil erbatax-il entità jew individwi differenti.

3.3 Ma' dan ir-rapport, il-Kummissjoni qed tinkludi f'Appendiċi A statistika dwar il-persuni b'diżabilità f'Malta u f'Għawdex li toħroġ minn dan ir-Reġistru.

# 4. Iċ-Ċensiment Nazzjonali

Il-Kummissjoni kellha diskussjonijiet ma' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika dwar iċ-ċensiment nazzjonali biex:

a) tinġabar informazzjoni dwar il-persuni b'diżabilità;
b) il-kampanja pubbliċitarja għal dan iċ-ċensiment tkun aċċessibbli għal kulħadd.

Kien hemm qbil bejn iż-żewġ naħat fuq żewġ mistoqsijiet dwar id-diżabilità li ġew inklużi fiċ-ċensiment u wkoll biex uħud mir-riklami televiżivi li dehru dwar iċ-ċensiment jinkludu interpretu tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija.

# Kapitlu 3 IR-RIJABILITAZZJONI

## 1. Servizz Ġdid ta' Sapport lil Persuni b'Diżabilità li għandhom Imġiba Diffiċli

Fl-aħħar tas-sena l-oħra, il-Kummissjoni bdiet servizz ġdid li kien ilu ħafna fuq l-aġenda tagħha. Waħda mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni għal dawn l-aħħar snin kienet il-bżonn ta' servizz ħolistiku għal persuni b'diżabilità li għandhom imġiba diffiċli ħafna. Biex nibdew dan is-servizz, il-Kummissjoni akkwistat is-servizzi tas-Sinj Forough Hessabi M.A (Psych), Ed. S, speċjalista edukattiva b'ħafna snin ta' esperjenza. Aktar tard matul l-2005, dan is-servizz kompla jikber billi l-Kummissjoni akkwistat ukoll is-servizz ta' gradwat, misluf mill-Aġenzija SAPPORT, biex hu wkoll jaħdem f'dan is-servizz.

Dan is-servizz ġdid hu maħsub biex jgħin persuni b'diżabilità li għandhom imġiba diffiċli ħafna, lill-membri tal-familja tagħhom u lill-istaff li jaħdem magħhom f'oqsma differenti. Is-servizz jipprovdi taħriġ dirett, konsultazzjoni u sessjonijiet ta' terapija individwali. L-istatistika marbuta ma' dan is-servizz għal din is-sena tinsab f'Tabella 2.

**TABELLA 2**

**Servizz ta' Sapport lil Persuni B'Imġieba Diffiċli**

| | 2005 |
|---|---|
| **Sessjonijiet ta' Taħriġ** | **91** |
| Aġenzija SAPPORT | 36 |
| Dar tal-Providenza | 24 |
| Ċentri ta' Matul il-Jum | 15 |
| Sptar Monte Carmeli | 14 |
| Oħrajn | 2 |
| **Sessjonijiet Individwali** | **1140** |
| Mill-Komunità | 521 |
| Aġenzija SAPPORT | 302 |
| *Child Guidance Clinic* | 124 |
| Sptar Monte Carmeli | 85 |
| Dar tal-Providenza | 51 |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | 30 |
| Dar Nazaret | 24 |
| Oħrajn | 3 |
| **Superviżjoni Klinika** | **21** |
| **Sessjonijiet ma' l-aħwa** | **12** |

## 2. Servizz Għajnuniet Speċjali

2.1 F'dan il-perjodu, is-Servizz Għajnuniet Speċjali ta assistenza finanzjarja u pariri dwar għajnuniet biex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jgħixu ħajja aktar indipendenti. L-istatistika ġenerali dwar dan is-servizz hi miġbura f'Tabella Numru 3.

**TABELLA 3**

**Servizz Għajnuniet Speċjali**

| | 2004 | 2005 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 240 | 295 |
| Persuni li bbenefikaw | 206 | 209 |
| Qegħdin fil-*waiting list* | 5 | 56 |
| Ma kkwalifikawx | 3 | 21 |
| Pendenti | 2 | 9 |
| Apparat li ġie rritornat u ngħata lil applikanti oħrajn | 14 | 17 |
| Apparat li ġie rritornat | 13 | 26 |
| Somma totali ta' għotjiet approvati | **Lm65,053** | **Lm67,000** |

Din l-istatistika turi li matul din is-sena, għalkemm in-numru ta' benefiċarji baqa' kważi l-istess, dan is-servizz kellu żieda qawwija ta' madwar 23% fl-applikazzjonijiet u hekk żieda qawwija wkoll fin-numru ta' persuni li qegħdin fil-*waiting list*.

2.2 Analiżi ta' dan servizz skond l-etajiet tal-benefiċjarji u l-apparat li bih ġew megħjuna tinstab f'Tabelli Numru 4 u 5

**TABELLA 4**

| **Età** | **2004** | | **2005** | |
|---|---|---|---|---|
| 0-5 | 9 | 4% | 22 | 11% |
| 6-16 | 44 | 21% | 50 | 24% |
| 17-30 | 31 | 15% | 35 | 17% |
| 31-60 | 49 | 24% | 38 | 18% |
| 61+ | 73 | 35% | 64 | 31% |
| **Total** | **206** | **100** | **209** | **100** |

2.3 Minħabba nuqqas ta' fondi, il-Kummissjoni ma tistax tgħin lil kull min japplika għal dan is-servizz, tgħin biss sa 50% tal-prezz u dan sa massimu ta' Lm500 meta hemm numru ta' oggetti li jiswew ħafna aktar. Għaldaqstant il-Kummissjoni fl-2005 reġgħet għamlet talba lill-Gvern biex fil-baġit tas-sena 2006 jiżdiedu l-fondi ta' dan is-servizz. B'xorti ħażina din it-talba ma ntlaqgħetx.

2.4 Dan is-servizz kompla jaħdem aktar mill-qrib mal-*Community Chest Fund* billi:

a) is-Sur Joe Camilleri, Ċermen tal-Kummissjoni, hu membru ta' dan il-fond.

b) persuni li jieħdu għajnuna finanzjarja minn dan is-servizz jistgħu jitolbu għal aktar għajnuna finanzjarja lil dan il-fond. Ħafna drabi dawn it-talbiet jintlaqgħu.

c) kompla l-ftehim bejn il-Kummissjoni, il-Fondazzjoni Aċċessibilità għall-Informatika (FITA) u dan il-fond biex talbiet għal għajnuna finanzjarja biex jinxtara kompjuter minn persuni b'diżabilità jintlaqgħu minn dan il-fond. Numru sostanzjali ta' persuni b'diżabilità bbenefikaw minn dan il-ftehim.

**TABELLA 5**

| **APPARAT** | **2004** | | **2005** | |
|---|---|---|---|---|
| Wheelchairs & Walking Aids | 80 | 35% | 84 | 34% |
| Seating & Bedding | 74 | 32% | 65 | 26% |
| Iġjene Personali | 32 | 14% | 24 | 10% |
| Communication Aids | 26 | 11% | 33 | 13% |
| Lifting Aids | 12 | 5% | 31 | 13% |
| Oħrajn | 6 | 3% | 10 | 4% |
| **Total** | **230*** | **100** | **247*** | **100** |

* *It-total hu akbar għax ikun hemm applikanti li jibbenefikaw minn aktar minn tip wieħed ta' apparat.*

## 3. Ħlas Lura Fuq Apparat Apposta għal Persuni b'Diżabilità

Fl-aħħar baġit il-Gvern ħabbar li kien se jniedi skema biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż żejda li persuni b'diżabilità kellhom iħallsu minħabba li apparat apposta għal persuni b'diżabilità beda jkollu l-VAT fuqu. L-ewwel miżura kienet li l-maġġoranza ta' dawn l-oġġetti beda jkollhom VAT ta' 5% flok 18%. Imbagħad, il-Gvern ivvota somma flus biex dawn il-persuni jkunu jistgħu jingħataw il-ħlas żejjed li jkunu għamlu.

Il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali inkariga lill-Kummissjoni biex tamministra din l-iskema hi. Għalhekk wara

li tħabbru r-regolamenti li ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern, il-Kummissjoni bdiet tirċievi talbiet għal dan il-ħlas. Dettalji dwar kif ħadmet din l-iskema matul l-2005 jinstabu f'Tabella 6.

**TABELLA 6**

**Ħlas lura fuq Appatar apposta għal Persuni B'Diżabilità**

| | 2005 |
|---|---|
| Ħlas lura | Lm13,077 |
| Numru ta' persuni li bbenefikaw | 162 |
| Medja ta' l-għajnuna | Lm81 |

# 4. Il-Ħlas Lura tal-VAT

4.1 Il-Kummissjoni kompliet tagħti l-ħlas lura tal-VAT fuq dawn l-oġġetti:

(a) kompjuter u aċċessorji tal-kompjuters f'dawk il-każijiet meta l-persuna ma tkunx ibbenefikat minn għotja mill-*Community Chest Fund*;

(b) batteriji tas-siġġu tar-roti.

4.2 L-istatistika dwar dan il-benefiċċju tinstab f'Tabella Numru 7.

**TABELLA 7**

**Ħlas lura tal-VAT**

| | 2004 | 2005 |
|---|---|---|
| Ħlas lura tat-taxxa tal-VAT | Lm1,233 | Lm2,214 |
| Numru ta' persuni li bbenefikaw | 26 | 36 |
| Medja ta' l-għajnuna | Lm47 | Lm62 |

4.3 Din l-istatistika turi li matul din is-sena dan is-servizz kellu żieda ta' madwar 30% fl-applikazzjonijiet u għalhekk żieda wkoll fin-nefqa għal dan is-servizz

Kapitlu 4

# OPPORTUNITAJIET INDAQS

# 1. Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità)

## 1.1 **Taqsima Opportunitajiet Indaqs**

Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Kummissjoni hu li "tinvestiga l-ilmenti li jistgħu jsirulha dwar xi nuqqas ta' tħaris" tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) u li "tissorvelja t-tħaddim ta' din il-Liġi". Għal dan il-għan fis-segretarjat tal-Kummissjoni hemm it-Taqsima Opportunitajiet Indaqs li tieħu ħsieb din il-ħidma.

Minħabba l-importanza kbira li l-Kummissjoni tagħti lil din il-ħidma, rapport dettaljat tax-xogħol ta' din it-Taqsima jingħata lill-pubbliku ġenerali ftit wara Ottubru ta' kull sena peress li l-Liġi daħlet fis-seħħ f'Ottubru 2000. Din is-sena, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport annwali tal-ħames sena ta' ħidma (Ottubru 2004-Ottubru 2005) li l-Kummissjoni wettqet dwar din il-Liġi waqt konferenza stampa li saret matul il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità. Għal din il-konferenza kien hemm preżenti l-Onor Dolores Cristina, Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali u l-Onor Marie Louise Coleiro, kelliem ewlieni ta' l-Oppożizzjoni għal dan il-qasam. Biex ma jkunx hemm ripetizzjonijiet, dan ir-rapport mhux se jinkludi l-ħidma li saret mill-Kummissjoni f'dan is-settur. Kopja tar-Rapport Annwali dwar il-Liġi Opportunitajiet Indaqs bil-Malti jew bl-Ingliż, jew fuq awdjo bil-Malti, jista' jinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni jew inkella minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org.

## 1.2 **Bord li Jeżamina x'Inhu Raġonevoli**

Matul din is-sena, il-Kummissjoni kompliet il-ħidma tal-Bord li Jeżamina x'Inhu Raġonevoli skond il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). Il-ħidma ta' dan il-Bord hi inkluża mar-rapport annwali tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (imsemmi aktar 'il fuq) u għalhekk mhix inkluża f'dan ir-Rapport.

## 1.3 **Reviżjoni tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs**

Matul l-2005, il-Kummissjoni għamlet programm ta' konsultazzjoni u diskussjoni biex issir reviżjoni tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) issa li din il-liġi ilha madwar ħames snin titħaddem. Għal dan il-għan il-Kummissjoni organizzat Konferenza Nazzjonali, bil-kelliem ewlieni jkun is-Sur Bert Massie, Ċermen tad-*Disability Rights Commission* (DRC), l-ekwivalenti tal-Kummissjoni fir-Renju Unit. F'din il-konferenza ġew ippreżentati l-proposti tal-bidliet li t-Taqsima Opportunitajiet Indaqs tal-KNPD qed tipproponi. Il-Kummissjoni hi ddiżappuntata bl-attendenza pjuttost fqira li kien hemm għal din il-konferenza.

Waqt iż-żjara tiegħu f'Malta, is-Sur Massie kellu laqgħa ma' l-Onor Dr Lawrence Gonzi, Prim Ministru ta' Malta. F'din il-laqgħa ġiet diskussa din ir-reviżjoni u l-kooperazzjoni bejn id-DRC u l-Kummissjoni.

# 2. Il-Karta ta' l-Identità Speċjali

2.1 Il-Kummissjoni kompliet toħroġ il-Karta ta' l-Identità Speċjali lill-persuni b'diżabilità bil-għan li din tgħinhom ikollhom aktar opportunitajiet indaqs. L-istatistika dwar dan is-servizz għal dan il-perjodu tidher f'Tabella Numru 8.

TABELLA 6

**Karta ta' l-Identità Speċjali (KIS)**

| | 2004 | 2005 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 842 | 1,101 |
| Aċċettati | 834 | 1,096 |
| Mhumiex aċċettati | 8 | 5 |
| Imġedda | 608 | 497 |
| Irtirati | 642 | 236 |
| Total ta' persuni b'diżabilità li għandhom il-KIS | **6,795** | **7,655** |

2.2 Din l-istatistika turi li matul din is-sena dan is-servizz kellu żieda ta' madwar 31% fl-applikazzjonijiet.

2.3 Persuni li għandhom din il-Karta ta' l-Identità Speċjali huma intitolati għal numru ta' benefiċċji li lista tagħhom tista' tinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni, mill-ktejjeb Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità (paġni 35-36) jew minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni www.knpd.org.

## 3. Riforma tal-Penzjonijiet

Matul din is-sena, il-Kummissjoni studjat il-*White Paper* importanti li ħareġ il-Gvern dwar ir-Riforma fil-Penzjonijiet u ankè kellha laqgħa mal-*Working Group* li qed jieħu ħsieb din ir-riforma. Il-Kummissjoni għaddiet il-kummenti tagħha lil dan il-Grupp u lill-midja kollha.

# Kapitlu 5 L-AĊĊESS FIŻIKU

# 1. Aċċessibilità Fiżika għal Kulħadd

1.1 Matul is-sena 2005, il-Kummissjoni kompliet bil-ħidma tagħha biex il-prinċipji ta' l-Aċċessibilità għal Kulħadd jitpoġġew fil-prattika. Il-ħidma tagħha f'dan is-settur tinqasam fi tlieta:

a) l-applikazzjoni tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (li ġiet diskussa fir-Rapport Annwali li l-Kummissjoni toħroġ kull sena);

b) l-ivvettjar ta' applikazzjonijet għall-iżvilupp f'isem l-Awtorità Maltija ta' l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA);

ċ) konsulenza u attivitajiet oħra.

1.2.1 Matul din is-sena, il-Kummissjoni kompliet tivvettja applikazzjonijiet għall-iżvilupp li jsiru lill-MEPA għal bini miftuħ għall-pubbliku u li hu ta' użu maġġuri. L-istatistika dwar dan is-servizz tinstab f'Tabella Numru 9.

1.2.2 Din l-istatistika turi li dan is-servizz matul din is-sena kellu żieda ta' madwar 22% fl-applikazzjonijiet ivvettjati. Sfortunatament il-livell ta' applikazzjonijiet irrakkomandati, li diġà kien wieħed baxx (47%), kompla jonqos bi 3%.

1.2.3 Il-Kummissjoni bdiet tagħmel spezzjonijiet biex il-MEPA toħroġ il-*Clearance/Compliance Certificate* biex ikun jista' jingħata d-dawl u l-ilma lill-applikant. Matul din is-sena, il-ħidma tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward tinstab f'Tabella Numru 10.

1.2.4 Għal darb'oħra, il-Kummissjoni tħoss li ċ-ċifri ta' din it-tabella huma preokkupanti ħafna, minkejja li n-numru ta' binjiet (41) li ġew ivvettjati għal dan iċ-ċertifikat juri żieda fuq dik tas-sena l-oħra. Però xorta n-numru għadu baxx ħafna meta tqabblu maċ-ċifri ta' applikazzjonijiet ġodda li l-Kummissjoni vvettjat (531). Fuq punt pożittiv, in-numru ta' applikazzjonijiet li ġew rakkomandati żdied bi 13%.

**TABELLA 9**

**Ivvettjar ta' l-Applikazzjonijiet għall-Iżvilupp**

| | 2004 | 2005 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet | 436 | 531 |
| Rakkomandati b'kundizzjonijiet | 208(47%) | 233(44%) |
| Mhux rakkomandati | 181(42%) | 232(44%) |
| Tlabna aktar informazzjoni | 14(3%) | 47 (9%) |
| Pendenti | 33(8%) | 19(4%) |

## 1.3 ***Access for All - Design Guidelines***

1.3.1 Matul din is-sena, il-Kummissjoni temmet il-konsultazzjoni wiesgħa biex tirrevedi l-Linji Gwida tagħha kif ippubblikati fil-ktieb *Access for All - Design Guidelines* tas-sena 2000. Dan sar billi ġiet ippubblikata verżjoni ġdida ta' din il-pubblikazzjoni li ġiet ippreżentata lill-pubbliku waqt il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità. Kopja ta' din il-pubblikazzjoni tista' tinkiseb mingħajr ħlas mill-uffiċini tal-Kummissjoni u tinstab ukoll fuq il-websajt tal-Kummissjoni www.knpd.org.

**TABELLA 10**

**Ivvettjar għal *Clearance/Compliance Certificate***

| | 2004 | 2005 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet | 32 | 41 |
| Rakkomandati b'kundizzjonijiet | 12(38%) | 21(51%) |
| Mhux Rakkomandati | 17(53%) | 16(39%) |
| Pendenti | 3(9%) | 4(10%) |

Il-Kummissjoni ġabet fondi biex tkun tista' tippubblika dawn il-linji gwida mill-Programm tal-Komunità biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni, ta' l-Unjoni Ewropea.

1.3.2 Din il-pubblikazzjoni, filwaqt li hi organizzata b'mod differenti, fiha wkoll linji gwida ġodda li l-Kummissjoni żviluppat matul il-5 snin li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs ilha topera u anke oħrajn li ġew rakkomandati matul il-konsultazzjoni li saret. Il-linji gwida ġodda l-aktar importanti huma dwar:

a) bini industrijali
b) *bus shelters*
c) bini għal negozju jew divertiment
d) bini li jakkomoda lill-pubbliku
e) bajjiet u *swimming pools*
f) uffiċini.

1.4 **Proġetti kbar tal-Gvern**

Il-Kummissjoni lmentat diversi drabi li proġetti kbar tal-Gvern mhumiex isegwu l-prinċipji ta' l-Aċċessibilità għal Kulħadd. Din il-kritika saħansitra saret ukoll fid-diskors tal-baġit tal-Gvern għas-sena 2006. Il-Gvern ikkommetta ruħu li dawk il-proġetti l-kbar li mhux se jsegwu fil-prattika dawn il-prinċipji kienu se jiġu penalizzati finanzjarjament. Il-Kummissjoni laqgħet pożittivament din l-aħbar u segwietha billi ħejjiet *memo* dwar in-nuqqasijiet serji li saru f'dawn il-proġetti kbar:

a) il-bajja ta' San Ġorġ,
b) il-Waterfront fix-xatt ta' Pinto;
c) it-toroq li saru mill-Protokol Taljan;
d) ir-rinnovar ta' Dar il-Mediterran.

Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi din l-inizjattiva li tħabbret fil-baġit b'riferenza partikolari għal dawn il-proġetti.

1.5 **L-Istallazzjoni ta' Liftijiet minn Entitajiet Volontarji jew Negozji Żgħar**

Għat-tieni sena konsekutiva, il-Kummissjoni rrakkomandat lill-Gvern biex fil-baġit jgħin fil-prattika l-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' Aċċessibilità għal Kulħadd billi jieħu miżuri finanzjarji għal dan is-sena. Bħala miżura prattika l-Kummissjoni rrakkomandat li titneħħa jew titnaqqas il-VAT fuq l-istallazzjoni ta' liftijiet minn entitajiet volontarji jew negozji żgħar. Il-Kummissjoni apprezzat pubblikament il-fatt li l-Gvern aċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

1.6 **Il-*Malta Standard Authority***

Il-Kummissjoni kompliet taħdem mill-qrib ma' din l-Awtorità biex tassigura li l-prinċipju ta' aċċessibilità għal kulħadd jiġi rispettat anke permezz ta' l-istandards li jiġu ssettjati. Għal dan il-għan il-Kummissjoni hi rappreżentata fuq il-bord ta' din l-Awtorità.

## 2. Is-Servizz tal-Blue Sticker

2.1 Il-Kummissjoni kompliet ukoll tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissarju tal-Pulizija biex persuni b'diżabilità ta' mobilità jkollhom is-servizz tal-*Blue Sticker*. Dan il-benefiċċju primarjament jintitola persuni b'diżabilità ta' mobilità biex jipparkjaw f'postijiet riservati għalihom f'parkeġġi pubbliċi.

2.2 Matul dan il-perjodu, il-Kummissjoni f'dan il-qasam ħadmet skond ma jidher f'Tabella Numru11.

**TABELLA 11**

**Blue Sticker**

| | 2004 | 2005 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 472 | 824 |
| Rakkomandati | 461 | 806 |
| Mhux rakkomandati | 11 | 18 |
| Numru ta' persuni li ġeddew il-*Blue Sticker* | 4,165 | 454 |
| Irtirati | 656 | 306 |

2.3 Kif juru dawn iċ-ċifri kien hemm żieda qawwija ħafna ta' 75% fl-applikazzjonijiet li l-Kummissjoni rċeviet għal dan is-servizz. Barra minn hekk in-numru ta' applikazzjonijiet rakkomandati (806) kien ferm akbar minn *Blue Stickers* li ġew irtirati fl-istess perjodu (306). Dan ifisser li n-numru totali ta' *Blue Stickers* żdied sostanzjalment fuq dak tas-sena l-oħra.

2.4 Matul din is-sena, l-Kummissjoni temmet l-eżerċizzju biex il-*Blue Sticker* tinbidel u ssir simili għal dik imfassla mill-Unjoni Ewropea, biex hekk tkun tista' tintuża fil-pajjiżi kollha ta' l-Unjoni.

## *3.* Ir-*Reserved Parking Areas*

3.1 Dan is-servizz kompla jingħata mill-Awtorità dwar it-Trasport, però skond ftehim li hemm bejn il-Kummissjoni u din l-Awtorità, il-Kummissjoni tamministra r-*Review Panel* għal dan is-servizz. Dan *il-Panel* hu kompost minn rappreżentant ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li jaġixxi ta' Ċermen u rappreżentanti tal-Kummissjoni, ta' l-Awtorità dwar it-Trasport u tad-Diviżjoni tas-Saħħa bħala membri.

3.2 F'din is-sena, ir-*Review Panel* iffunzjona skond kif jidher f'Tabella Nru 12.

**TABELLA 12**

***Review Panel* tar-*Reserved Parking***

| | 2004 | 2005 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet eżaminai | 91 | 77 |
| Konfermata l-ewwel deċiżjoni | 36 (40%) | 44 (57%) |
| Mibdula l-ewwel deċiżjoni | 55 (60%) | 31 (40%) |
| Pendenti | 0 | 2 ( 3%) |

3.3 Dan is-servizz amministrat mill-Kummissjoni matul din is-sena kellu tnaqqis ta' 15% fl-applikazzjonijiet.

## 4. L-Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni

4.1 Il-Kummissjoni kompliet tagħmel rakkomandazzjonijiet biex il-Ministeru tal-Finanzi jeżenta persuni b'diżabilità (u f'ċerti ċirkustanzi membri tal-familja tagħhom) mit-taxxa tar-reġistrazzjoni u/jew dazju fuq karozzi li jkollhom bżonn. Statistika dwar dan is-servizz tinstab f'Tabella Numru 13.

**TABELLA 13**

**Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni**

| | 2004 | 2005 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 130 | 181 |
| Rakkomandati mill-OHU | 94 (72%) | 157 (87%) |
| Mhux rakkomandati mill-OHU | 16 (12%) | 9 (5%) |
| Għad ma għamlux użu mill-eżenzjoni | 6 (5%) | 9 (5%) |
| Applikazzjonijiet pendenti | 14 (11%) | 6 (3%)* |

* *Dawn qed jistennew ir-rapport mediku ta' l-Occupational Health Unit (OHU) tad-Diviżjoni tas-Saħħa.*

4.2 Il-Kummissjoni kompliet bil-proċedura li tirreferi r-rakkomandazzjoni lill-Ministeru tal-Finanzi għall-approvazzjoni tiegħu wara li l-applikant jipproduċi prova li hu se jixtri l-karozza. In-numru ta' applikanti (9) li għad ma għamlux użu minn din l-eżenzjoni hu baxx ħafna u jindika li din il-proċedura qed taħdem.

4.3 Din is-sena kien hemm żieda sostanzjali ta' mdwar 39% fl-

applikazzjonijiet għal dan is-servizz kif ukoll żieda fl-applikazzjonijiet rakkomandati. Dan hu dovut l-aktar għall-fatt li l-Kummissjoni qed tinforma aktar lill-klijent qabel dan jitfa' l-applikazzjoni tiegħu. Kien hemm ukoll tnaqqis fl-applikazzjonijiet li għadhom pendenti quddiem l-*Occupational Health Unit*.

# 5. L-Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq

5.1 Il-Kummissjoni kompliet tagħmel rakkomandazzjonijiet lid-Dipartiment tal-Liċenzji biex sewwieqa li għandhom diżabilità skond l-Att tas-Sigurtà Soċjali (1987) jew li għandhom vettura modifikata minħabba d-diżabilità tagħhom, jiġu eżentati mill-ħlas tal-Liċenzja tat-Triq. L-istatistika għas-sena 2005 fir-rigward ta' dan is-servizz tinstab f'Tabella Numru 14.

5.2 Hawnhekk kien hemm żieda marġinali ta' 6% fuq l-applikazzjonijiet li l-Kummissjoni rċeviet għal dan is-servizz. Barra minnhekk in-numru ta' applikazzjonijiet rakkomandati bħala perċentwali kompla jiżdied. Kien hemm ukoll tnaqqis sostanzjali fl-applikazzjonijiet li għadhom pendenti quddiem l-*Occupational Health Unit*.

# 6. Trasport Aċċessibbli

6.1 Lejn tmiem l-1994, il-Kummissjoni u l-Fondazzjoni Djar għal Ħajja Indipendenti waqqfu l-Fondazzjoni Trasport Ħajja Indipendneti bil-għan li din tipprovdi trasport aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Din il-Fondazzjoni titmexxa minn bord awtonomu bil-Kummissjoni tinnomina żewġ membri fuqu.

**TABELLA 14**

**Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq**

| | 2004 | 2005 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 98 | 104 |
| Rakkomandati | 62 (63%) | 80 (77%) |
| Mhux eliġibbli | 20 (20%) | 14 (13%) |
| Għad ma għamlux użu mid-eżenzjoni | - | 6 (6%) |
| Applikazzjonijiet pendenti | 16 (17%) | 4 (4%)* |

* *Dawn qed jistennew ir-rapport mediku ta' l-Occupational Health Unit (OHU) tad-Diviżjoni tas-Saħħa.*

6.2 Kif rapportat is-sena l-oħra din il-Fondazzjoni kellha problemi finanzjarji pjuttost kbar li ma setgħux jingħelbu. Għalhekk bdew diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni, il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali u l-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' *Respite Care* biex din ta' l-aħħar tibda tipprovdi dan is-servizz hi. Intlaħaq ftehim u għalhekk minn nofs l-2005 il-Kummissjoni, permezz ta' l-*NGO Liaison Committee*, bdiet tgħaddi l-fondi li hi vvutat għal dan is-servizz lill-Fondazzjoni għas-Servizz ta' *Respite Care* flok lill-Fondazzjoni Trasport Ħajja Indipendenti.

# Kapitlu 6 L-AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI

## 1. Kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni Aċċessibilità għall-Informatika (FITA)

1.1 Fl-1998, il-Kummissjoni u l-MITTS ngħaqdu flimkien biex titwaqqaf il-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità fl-Informatika (FITA) bil-għan primarju li l-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess sħiħ għall-informatika. Il-Kummissjoni kompliet tagħti s-sapport sħiħ tagħha lil din il-Fondazzjoni, fosthom billi tinnomina żewġ persuni biex ikunu fuq il-bord tat-tmexxija ta' din il-Fondazzjoni.

1.2 Il-Kummissjoni kkollaborat ukoll mal-FITA billi:

a) komplew jiżviluppaw taqsima ta' kotba, rivisti u CDs fiċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Kummissjoni fuq dan is-suġġett biex dawn ikunu jistgħu jintużaw minn dawk kollha interessati;

b) ħaddmu l-ftehim mal-*Community Chest Fund* biex persuni b'diżabilità jingħataw assistenza finanzjarja biex ikunu jistgħu jixtru kompjuter;

c) ħadmu s-servizz li bih numru ta' persuni b'diżabilità jibbenefikaw mill-*Websave* u għajnuna finanzjarja mill-*Go Mobile*.

## 2. Is-Servizz ta' Relay għat-Textelefon

Għal dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni Nazzjonali pprovdiet is-servizz tar-Relay għal persuni neqsin mis-smigħ li għandhom it-Textelefon ħalli huma jkollhom aċċess għas-sistema telefonika kollha. Dan is-servizz kien jingħata bi ftehim finanzjarju mill-Kumpanija *Dial-It* 24 siegħa kuljum.

Fl-aħħar tas-sena l-oħra, il-Kummissjoni għamlet studju dwar l-użu effettiv ta' dan is-servizz. Instab li dan is-servizz, barra li kien għamel diversi xhur ma jaħdimx minħabba problemi tekniċi, kien qed jintuża ftit li xejn. Dan kien dovut l-aktar għall-fatt li kien hemm żviluppi qawwija fit-teknoloġija li barra li rrendew l-apparat użat wieħed antik u mhux ta' min jorbot fuqu, ukoll irrendew il-bżonn ta' dan is-servizz bħala limitat ħafna. Dan hu dovut l-aktar għall-fatt li l-persuni neqsin mis-smigħ bdew jagħmlu użu qawwi mill-mobiles permezz ta' l-SMS.

Wara konsultazzjoni ma' l-Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ ġie deċiż li l-Kummissjoni twaqqaf dan is-servizz kif fil-fatt sar bil-bidu ta' din is-sena.

# Kapitlu 7 EDUKAZZJONI

## 1. Reviżjoni ta' l-Edukazzjoni Inklużiva u Speċjali

1.1 Fl-aħħar tas-sena 2003, il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ħabbar li kien se jagħmel reviżjoni sħiħa tas-sistema ta' l-edukazzjoni inklużiva u speċjali f'pajjiżna. Il-Kummissjoni qablet ma' dan l-eżerċizzju. Fl-aħħar tas-sena 2005, il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni waqqaf Grupp ta' Ħidma biex jagħmel rapport dettaljat dwar din ir-reviżjoni. Dan il-Grupp kien kompost mis-sinjuri Lino Spiteri (Ċermen), George Borg, Anne-Marie Callus, Joseph Cauchi u Micheline Sciberras.

1.2 Il-Kummissjoni tat is-sapport kollu lill-ħidma ta' dan il-Grupp, l-aktar billi:
a) waħda mill-membri tiegħu, is-Sinj Anne-Marie Callus, hi uffiċjal għoli tas-segretarjat tal-Kummissjoni;
b) saret laqgħa tal-Kummissjoni ma' dan il-Grupp li fiha l-membri tal-Kummissjoni kellhom l-opportunità li jressqu l-proposti tagħhom;
c) iċ-Ċermen tal-Kummissjoni żamm kuntatt kontinwu ma' dan il-Grupp.

1.3 F'nofs is-sena 2005, dan il-Grupp ippreżenta r-rapport tiegħu lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Il-Kummissjoni, wara li studjat dan ir-rapport, esprimiet l-opinjoni tagħha li fil-prinċipju hi taqbel mal-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li saru u għalhekk tat is-sapport sħiħ tagħha.

1.4 Il-Kummissjoni wkoll ħadmet biex dan ir-rapport jiġi ċċirkulat lil dawk kollha kkonċernati b'riferenza speċjali għall-persuni b'diżabilità, il-familji u l-għaqdiet tagħhom. Għal dan il-għan il-Kummissjoni:
a) ħejjiet traduzzjoni bil-Malti ta' dan ir-rapport;
b) ħejjiet verżjoni ħafif-biex-taqra tas-sommarju tiegħu;
c) poġġiet il-verżjoni bl-Ingliż, bil-Malti u ħafif-biex-taqra fuq il-websajt tagħha;
d) ħejjiet verżjoni tas-sommarju tiegħu bil-Lingwa tas-Sinjali fuq DVD u awdjo fuq kasett;
e) organizzat konferenza nazzjonali dwaru. Dak kollu li ntqal waqt din il-konferenza ġie ppreżentat lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u tpoġġa wkoll fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

1.5 Il-Kummissjoni tinnota b'sodifazzjon li l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni diġà beda l-implimentazzjoni ta' wħud mir-rakkomandazzjonijiet li hemm f'dan ir-rapport. Għal dan il-għan, id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni ħatret lis-sur George Borg biex jikkoordina din il-ħidma. Il-Kummissjoni qed tagħti s-sapport sħiħ lil dan l-uffiċjal.

## 2. L-i*Statementing Moderating Panel* u l-Bord ta' l-Appelli

Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni reġa' ħatar l-i*Statementing Moderating Panel* u l-Bord ta' l-Appelli skond kif hemm indikat fid-dokument ta' *policy "Inclusive" Education - Support to Students with Disability"*. Il-Kummissjoni qed tagħti sehemha f'dan l-eżerċizzju permezz tar-rappreżentant tagħha, iċ-Ċermen tal-Kummissjoni, li hu membru tal-Bord ta' l-Appelli. L-għan aħħari ta' din il-politika u ta' dawn l-entitajiet hu li kull student b'diżabilità jkollu programm individwali edukattiv skond il-bżonnijiet individwali tiegħu jew tagħha.

## 3. L-Għoti tal-Mediċina fl-Iskejjel Regolari

Waħda mill-problemi kbar li qed jiffaċċjaw numru ta' ġenituri ta' studenti b'diżabilità li jattendu skejjel regolari hi l-għoti tal-

mediċina li dawn l-istudenti jkollhom bżonn. Ħafna drabi l-ġenituri qed ikollhom imorru huma stess kuljum biex jagħtu din il-mediċina lil uliedhom. Dan minkejja l-fatt li wħud minnhom għandhom *facilitator full-time* magħhom. Il-Kummissjoni tifhem li din hi problema komplessa u għalhekk is-sena li għaddiet twaqqaf grupp ta' ħidma biex jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Ministeru. Dan il-grupp kien kompost mis-sinjuri Joe Camilleri (KNPD), Micheline Sciberras (Ministeru ta' l-Edukazzjoni) u Dr Simon Attard Montaldo (Ministeru tas-Saħħa). Wara diversi laqgħat, dan il-grupp iffinalizza r-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu u għall-aħħar tas-sena 2005 ippreżentah lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.

Fil-preżent il-Ministeru qed jevalwa dan ir-rapport u anke jieħu pariri, l-aktar dawk legali, dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li hemm. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex tinstab soluzzjoni għal din il-problema.

## 4. L-Università

4.1 Il-Kummissjoni kompliet iżżomm kuntatt mill-qrib ħafna ma' l-Awtoritajiet ta' l-Università biex tassigura li l-Awtoritajiet u l-istudenti universitarji jkunu konxji ta' l-*issues* dwar il-persuni b'diżabilità. Dan il-kuntatt seta' jsir b'mod aktar dirett minħabba li s-Sur Joe Camilleri, Ċermen tal-KNPD, hu wkoll membru tas-Senat ta' l-Università.

4.2 Il-Kummissjoni wkoll tat sehmha permezz taċ-Ċermen tagħha fil-kumitat li jeżamina talbiet mill-istudenti b'diżabilità li jitolbu provedimenti differenti waqt l-eżamijiet biex huma jkollhom opportunitajiet indaqs. F'dan ir-rigward kien hemm diversi problemi minħabba li l-istudenti ma kinux jafu eżatt x'inhuma dawn il-provedimenti u anke minħabba l-fatt li d-dokument maħruġ mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni dwar dan mhux rikonoxxut mill-Università. Il-Kummissjoni għaldaqstant għamlet rakkomandazzjoniet biex:

a) dan id-dokument jiġi rivedut l-aktar minħabba l-iżviluppi kbar li saru fejn tidħol l-informatika;
b) ikun hemm dokument wieħed żviluppat, rikonoxxut u ppubblikat kemm mill-Università kif ukoll mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex dawn ir-rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati.

## 5. Proġett Pilota fl-Iskola Sekondarja Marija Assunta

Il-Kummissjoni kompliet tagħti sehemha fil-proġett pilota li nbeda matul l-2004 ma' l-iskola sekondarja Marija Assunta ħalli l-istudenti b'diżabilità ta' din l-iskola jkollhom programm individwali edukattiv u biex il-*facilitators* li jaħdmu ma' dawn l-istudenti jkollhom is-sapport neċessarju ħalli huma jkunu jistgħu jimplimentaw dawn il-programmi. Dan il-proġett hu mifrux fuq tliet snin u qed isir bis-sapport finanzjarju ta' l-*HSBC Care for Children Fund*.

# Kapitlu 8 SERVIZZI GĦAL ADULTI B'DIŻABILITÀ

## 1. Il-Korporazzjoni ta' l-Impjiegi u t-Taħriġ

1.1 Il-Kummissjoni żammet kuntatt kontinwu mal-Korporazzjoni ta' l-Impjiegi u t-Taħriġ biex din tipprovdi servizzi speċjalizzati lill-persuni b'diżabilità kemm fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali kif ukoll f'dak ta' l-impjiegi. Dan il-kuntatt seta' jsir b'mod aktar dirett minħabba li s-Sur Joe Camilleri, Ċermen tal-KNPD, hu wkoll direttur ta' din il-Korporazzjoni.

1.2 Matul din is-sena, il-Kummisjoni kellha numru ta' laqgħat ma' uffiċjali għolja tal-Korporazzjoni ta' l-Impjiegi u t-Taħriġ, fosthom mas-CEO il-ġdida, is-Sinj Sue Vella, dwar l-iskema ta' Impjieg Issapportjat. Il-Kummissjoni qed tħeġġeġ lill-ETC biex tagħti importanza akbar lil din l-iskema biex jiġu utilizzati l-fondi kollha disponibbli u possibilment l-iskema titkabbar.

## 2. Servizzi ta' Matul il-Jum

2.1 Il-Kummissjoni kompliet taħdem biex is-Servizzi ta' Matul il-Jum għall-adulti b'diżabilità jkomplu jitjiebu. Fil-bidu tas-sena, dan sar l-aktar permezz tat-*Task Force* immexxi mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali li kellu l-għan li jfassal pjan għall-iżvilupp ta' dawn is-servizzi. Il-Kummissjoni, permezz tad-Direttur Eżekuttiv, tat sehmha fil-ħidma ta' din it-*Task Force*.

Waħda mid-deċiżjonijiet li ttieħdu kienet li dawn is-servizzi jgħaddu fi ħdan l-Aġenzija SAPPORT. Il-Ministeru ddeċieda li, għallinqas għal issa, il-ħidma li kellha tagħmel din it-*Task Force* twettqet u ma kienx għad hemm il-bżonn li tkompli tiltaqa'.

Il-ħidma tal-Kummissjoni fi ħdan it-*Task Force* u anke permezz ta' mezzi oħra kienet primarjament biex ikun hemm il-fondi neċessarji ħalli:

a) ikun hemm struttura maniġerjali xierqa għal dawn is-servizzi;
b) ikun hemm titjib fis-servizzi, l-aktar permezz ta' taħriġ tal-*personnel* u ingaġġ ta' professjonisti;
c) dawn is-servizzi jkunu aċċessibbli għal kull min għandu bżonnhom, jiġifieri li ma jkunx hemm *waiting list*.

2.2 Il-Kummissjoni kellha diversi lmenti li persuni b'diżabilità, l-aktar dawk li kienu se jispiċċaw mill-iskejjel speċjali, ma kinux se jingħataw is-servizz ta' matul il-jum li għandhom bżonn, minħabba nuqqas ta' riżorsi. Il-Kummissjoni qajmet din l-*issue* permezz ta' diversi inizjattivi li jinkludu:

a) il-laqgħat tat-*Task Force* għal dan is-Servizz;
b) stqarrijiet pubbliċi dwar il-baġit tal-Gvern;
c) interventi mal-Ministeri ta' l-Edukazzjoni u tal-Familja.

Wara diversi diskussjonijiet, din il-problema ġiet solvuta għal din is-sena (2005) billi numru żgħir ta' studenti mill-Iskola San Miguel bdew jieħdu s-servizz ta' Matul il-Jum mill-Ministeru tal-Familja, waqt li l-oħrajn baqgħu jattendu l-iskejjel speċjali.

Għalkemm fid-diskors tal-baġit kien hemm riferenza għal din il-problema, ma kien hemm l-ebda żieda fil-baġit għal dawn is-servizzi. Għalhekk jidher li s-soluzzjoni tas-sena 2005 se tiġi ripetuta għas-sena 2006 wkoll.

Il-Kummissjoni temmen u stqarret fil-pubbliku li dawn is-servizzi għandhom bżonn ta' aktar fondi, kemm biex jitjieb is-servizz kif ukoll biex ikunu jistgħu jiġu pprovduti lil dawk li għandhom bżonnhom u mhumiex jiħduhom.

# Kapitlu 9 IS-SERVIZZI RESIDENZJALI

# 1. Aġenzija SAPPORT

1.1 Il-Kummissjoni kompliet tagħti s-sapport sħiħ lill-Aġenzija SAPPORT fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi Soċjali. Din l-aġenzija għandha r-responsabilità li tiżviluppa servizzi fil-komunità biex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu f'darhom u, meta dan ma jkunx aktar possibbli, tipprovdilhom djar żgħar fil-komunità bis-sapport meħtieġ. Il-Kummissjoni tat is-sapport sħiħ lil din l-aġenzija billi:

a) ħadmet u qed taħdem biex ikollha l-fondi li għandha bżonn;
b) hi rappreżentata fuq il-Kumitat għall-Allokazzjoni tas-Servizzi, li hu l-kumitat li jeżamina t-talbiet għas-servizzi mogħtija minn din l-Aġenzija.

1.2 Il-Kummissjoni temmen li din l-Aġenzija ma għandhiex il-fondi neċessarji biex tipprovdi s-servizzi fil-komunità lil min għandu bżonnhom tant li hi issa għandha *waiting list* pjuttost twila. Il-Kummissjoni għamlet talba lill-Gvern biex fil-baġit għas-sena 2006, il-baġit ta' din l-Aġenzija jiżdied imma sfortunatament din it-talba ma ntlaqgħetx.

1.3 Fid-diskors tal-baġit għas-sena 2006, il-Gvern stqarr li kien se jibda strateġija ġdida li biha l-fondi użati għal dawn is-servizzi jimxu mal-persuni jekk is-servizzi jibdew jingħataw minn entità differenti. Il-Kummissjoni laqgħet pożittivament din l-inizjattiva u mill-ewwel bdew diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni, l-Aġenzija SAPPORT u l-isptar Monte Carmeli biex din tibda titpoġġa fil-prattika.

# 2. Il-Qafas Legali

Il-Kummissjoni kompliet bid-diskussjonijiet ma' rappreżentanti tal-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali dwar l-abbozz tal-Liġi dwar il-*Guardianship*. Dan għandu l-għan li jtejjeb b'mod sostanzjali l-proċeduri legali użati biex persuni li ma jistgħux jamministraw ġidhom u ma jistgħux jieħdu ħsieb tagħhom infushom għal kollox ikollhom il-protezzjoni legali dwar min joffrilhom is-sapport li għandhom bżonn. L-abbozz ta' din il-Liġi hu lest u issa qed jiġi studjat mill-uffiċċju ta' l-Avukat tar-Repubblika.

# 3. Skema ta' Assistenza Personali

3.1 Numru żgħir ta' persuni b'diżabilità qed jixtru s-servizz ta' Assistenti Personali minn persuni barranin. Għal dan il-għan dawn l-assistenti jkollhom bżonn permess tax-xogħol mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ (qabel, mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza). Wara ftehim bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet konċernati, ġie deċiż li dan il-permess jingħata jekk l-applikazzjoni tkun rakkomandata mill-Kummissjoni. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni, wara li ssir żjara fid-djar minn professjonista tagħha, tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet neċessarji. Matul din is-sena, il-ħidma tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward tista' tinġabar fl-istatistika li hemm f'Tabella Numru 15.

**TABELLA 15**

**Skema ta' Assistenza Personali**

| | 2004 | 2005 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 20 | 32 |
| Rakkomandati | 17(85%) | 27(84%) |
| Mhux eliġibbli | 2(10%) | 2((6%) |
| Pendenti | 1 (5%) | 3(9%) |

3.2 Dan is-servizz ukoll wera żieda sostanzjali (60%) fl-applikazzjonijiet li l-Kummissjoni rċeviet għalih.

## 4. Fondazzjoni Wens u Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Respite Care

Il-Kummissjoni ngħaqdet ma' l-Għaqda Żgħażagħ b'Diżabilità u ma' l-Għaqda Ġenituri ta' Persuni b'Diżabilità biex jitwaqqfu l-Fondazzjoni Wens u l-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' *Respite Care* rispettivament. Ta' l-ewwel tipprovdi servizz residenzjali fil-komunità lil numru żgħir ta' persuni b'diżabilità, waqt li t-tieni Fondazzjoni tipprovdi servizzi residenzjali għal żmien limitat lil persuni b'diżabilità bil-għan li joffru serħan lill-membri tal-familja li jkunu qed jieħdu ħsiebhom. Il-Kummissjoni matul is-snin kompliet tagħti l-appoġġ tagħha lil dawn l-inizjattivi b'mod partikolari billi tinnomina membri fuq il-bord li jmexxu dawn il-fondazzjonijiet (tnejn fil-Fondazzjoni Wens u tlieta fil-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' *Respite Care*).

## 5. Titjib f'Residenzi ta' Persuni b'Diżabilità

5.1 L-Awtorità tad-Djar għandha skema li permezz tagħha tagħti assistenza finanzjarja biex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jirranġaw ir-residenzi tagħhom skond il-bżonnijiet tagħhom, relatati mad-diżabilità tagħhom. Il-Kummissjoni hi rappreżentata fuq il-kumitat li jeżamina dawn it-talbiet permezz tal-maniġer li tmexxi s-Servizz Għajnuniet Speċjali.

5.2 Il-Kummissjoni rrakkomandat lill-Gvern biex għall-baġit li jmiss jerġa' jestendi din l-iskema biex tkun tinkludi liftijiet fid-djar privati. Il-Kummissjoni apprezzat pubblikament li din ir-rakkomandazzjoni ntlaqgħet mill-Gvern.

Kapitlu 10

# AZZJONI FIL-KOMUNITÀ

## 1. Ħidma Soċjali mal-Persuni b'Diżabilità

Il-Kummissjoni kompliet taħdem mat-Taqsima ta' l-Aġenzija SAPPORT li tipprovdi servizzi ta' ħidma soċjali ma' persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Dan sar l-aktar billi l-Kummissjoni pprovdiet il-premisis li minnu din it-Taqsima topera miċ-Ċentru Ħidma Soċjali, Santa Venera, u offritilha wkoll assistenza amministrattiva.

## 2. Sussidju fuq il-Posta lill-Għaqdiet Volontarji

Il-Kummissjoni reġgħet allokat somma flus mill-fondi tagħha biex tissussidja l-posta ta' l-għaqdiet volontarji li jaħdmu fil-qasam tal-persuni b'diżabilità. Dan is-sussidju hu ta' 50% ta' l-ispiża totali. Matul dan il-perjodu, il-ħdax-il għaqda li bbenefikaw minn dan is-servizz kienu:

- *Down Syndrome Association*
- Fond għar-Rijabilitazzjoni tal-Ħandikappati
- Fondazzjoni Arka
- Fondazzjoni *Equal Partners*
- Fondazzjoni Servizzi ta' *Respite Care*
- Għaqda Nazzjonali Ġenituri ta' Persuni b'Diżabilità
- Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ
- Grupp tal-Persuni bl-Epilessija (Caritas)
- Ħbieb Aġenzija SAPPORT
- Kummissjoni Ħidma għall-Morda u Persuni b'Diżabilità ta' l-Azzjoni Kattolika
- *Muscular Dystrophy Group*

Is-somma użata mill-Kummissjoni għal dan il-għan telgħet minn Lm1,000 matul is-sena 2004 għal Lm2,500 matul is-sena 2005. Dan ifisser li l-medja li ħadet kull entità hi ta' madwar Lm225.

## 3. Ħidma ma' Organizzazzjonijiet Oħra

3.1 Il-Kummissjoni matul din is-sena ħadmet mill-qrib ma' diversi organizzazzjonijiet mhux governattivi biex hi tkun tista' tilħaq l-għanijiet tagħha. Dawk li ma jissemmewx direttament f'dan ir-rapport jinkludu:

- *ADHD Group*
- Assoċjazzjoni tas-*Social Workers*
- Awtorità tax-Xandir
- Fondazzjoni Żvilupp tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija
- Fondazzjoni Ħajja Indipendenti
- Fondazzjoni Eden
- Għaqda tal-Persuni bi *Spina Bifida*
- Għaqda Biblika Maltija
- *General Workers Union*
- *Gozo Association for the Visually Impaired*
- *Heritage Malta*
- Il-gazzetti
- Kamra tal-Periti
- Kummissarju tat-Tfal
- Kummissjoni tal-Familja
- Kumitat għall-Bidla għall-Ewro
- Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Programm EQUAL
- Kunsill Malti tal-Persuni b'Diżabilità
- Kunsill Nazzjonali tan-Nisa
- L-istazzjonijiet tar-radju
- L-istazzjonijiet tat-televixin
- *Malta Employers Association*
- *Malta Labour Party*
- *Malta Lifts Association*
- *Malta Professional Bodies*
- *Malta Union of Teachers*
- *Media Consulta* - Kampanja Le għad-Diskriminazzjoni
- Partit Nazzjonalista
- Razzett tal-Ħbiberija
- *Union* Ħaddiema Magħqudin

### 3.2 **Community Chest Fund**

Iċ-Ċermen, id-Direttur u l-Kap tas-Servizz Għajnuniet Speċjali kellhom laqgħa ma' l-

E.T. Dr E Fenech Adami bħala Ċermen tal-*Community Chest Fund*. F'dan il-laqgħa komplew jiġu diskussi modi kif iż-żewġ entitajiet jistgħu jaħdmu mill-qrib ħalli jiġi assigurat li r-riżorsi jintużaw bl-aħjar mod possibbli. Eventwalment, il-President ta' Malta ħatar lis-Sur Camilleri, membru ta' l-istess fond, biex hekk tkun assigurata l-kontinwità f'din il-kooperazzjoni.

## 3.3 Federazzjoni ta' l-Għaqdiet Persuni b'Diżabilità

Matul din is-sena, il-Kummissjoni ħadmet aktar mill-qrib ma' din il-Federazzjoni. Iċ-Ċermen u d-direttur tal-Kummissjoni kellhom laqgħa ma' l-uffiċjali l-ġodda tal-Federazzjoni, is-sinjuri Waldemar Beck, Olaf Attard u John Peel, biex din il-ħidma tkun aktar effettiva. Il-Federazzjoni issa għandha statut ġdid li hu konformi mal-kriterji tal-*European Disability Forum*. Il-Kunsill li jmexxi din il-Federazzjoni issa hu magħmul kompletament minn persuni b'diżabilità jew ġenituri ta' persuni b'diżabilità li ma jistgħux jirrappreżentaw lilhom infushom. Barra minnhekk, is-Sur Peel reġa' ħa postu fil-Kummissjoni u ż-żewġ naħat ikkooperaw biex organizzaw konferenza komuni waqt il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità.

## 3.4 Kuntratt ta' Dar il-Kaptan

Fl-1990, il-Kummissjoni kienet għamlet kuntratt ma' l-Awtorità tad-Djar biex din ta' l-aħħar tbigħ Dar il-Kaptan lill-Kummissjoni għal prezz nominali u tikri l-art ta' madwarha għal kera nominali wkoll. Din il-kirja ta' l-art għalqet u għalhekk l-Awtorità u l-Kummissjoni ġeddew dan il-ftehim din id-darba għal 50 sena. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni kompliet tafda din id-dar u l-art lill-Fondazzjoni Servizz ta' *Respite Care* biex tamministrahom hi. Peress li l-kuntratt issa hu għal żmien itwal, din il-Fondazzjoni tista' tippjana aħjar l-amministrazzjoni ta' din l-art.

# Kapitlu 11 IT-TAĦRIĠ U R-RIĊERKA

# 1. Il-Kors dwar l-Oqsma tad-Diżabilità

1.1 Il-Kummissjoni kompliet tagħti sensiela ta' lekċers fuq *issues* dwar id-diżabilità lil studenti u ħaddiema diversi bil-għan li dawn ikollhom għarfien usa' ta' dan il-qasam, l-aktar mill-aspett soċjali. Il-ħidma tal-Kummissjoni f'dan il-qasam hi miġbura f'Tabella Numru 16.

1.2 In-numru ta' parteċipanti għal dawn il-lekċers żdied sostanzjalment b'madwar 38% fuq dak tas-sena l-oħra.

1.3 Il-Kummissjoni kompliet taħdem bi ftit suċċess biex dan il-kors jibda jsir b'mod formali u regolari f'fakultajiet oħra, b'mod speċjali dawk tal-Mediċina, tal-Arkitettura u tat-Teoloġija.

**TABELLA 16**

**Lekċers dwar l-Oqsma tad-Diżabilità**

| Klijent | Kors | Nru. ta' Parteċipanti |
|---|---|---|
| Università ta' Malta | Fakultà ta' l-Edukazzjoni | 250 |
| | Fakultà tal-Mediċina | 100 |
| | *Social Work* | 90 |
| | *Institute of Health Care* | 60 |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Skejjel | 490 |
| Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ | *Support workers* | 50 |
| | *Child Carers* | 30 |
| Akkademja tal-Pulizija | | 100 |
| HSBC | | 15 |
| Vodafone | | 45 |
| Seminarju | | 12 |
| **Total** | | **1,242** |

# 2. PEKTUR (Il-Programm Edukazzjoni Kontinwa, Taħriġ u Riċerka)

2.1 Dan il-programm beda jaħdem matul l-1998 bil-għan li joffri għajnuna finanzjarja limitata fl-oqsma ta' l-edukazzjoni kontinwa, it-taħriġ u r-riċerka fil-qasam tad-diżabilità. Matul din is-sena, PEKTUR reġa' għamel 2 sejħiet għal applikazzjonijiet għal taħriġ u riċerka fil-qasam tal-persuni b'diżabilità. Il-programm irċieva 8 talbiet u l-bord li jmexxi dan il-programm iddeċieda hekk:

a) Persuna b'diżabilità riedet tkompli bl-istudji tagħha fil-livell post-terzjarju u fil-qasam tad-diżabilità. Din it-talba ntlaqgħet u dan il-programm għen b'għotja ta' Lm1,000.

b) Grupp tat-Teatru tal-Persuni b'Diżabilità talab sapport biex ikompli jorganizza attivitajiet f'dan il-qasam. Il-Grupp intalab jagħti aktar informazzjoni qabel tkun tista' tittieħed deċiżjoni.

c) Il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' *Respite Care* għamlet talba għall-għajnuna biex grupp ta' persuni b'nuqqas intellettwali jkun jista' jipparteċipa fi programm ta'

*exchange* organizzat taħt il-kappa tal-Programm *Youth* ta' l-Unjoni Ewropea. Din it-talba ntlaqgħet u ngħatat għajnuna finanzjarja ta' Lm546.

d) Il-grupp Flimkienaslu mmexxi minn persuni b'nuqqas intellettwali għamlu talba biex jorganizzaw huma stess seminar biex jiddiskutu l-oqsma li jħossu li huma ta' prijorità għalihom. It-talba ntlaqgħet u dan il-grupp ingħata għajnuna ta' Lm150.

e) Saret talba mingħand persuna bla diżabilità biex jagħmel studji bid-distanza fuq livell ta' diploma ma' kulleġġ fir-Renju Unit dwar suġġett li mhux relatat mad-diżabilità. Din it-talba ma setgħetx tintlaqa'.

f) Persuna b'diżabilità li qed tagħmel studji fuq livell ta' diploma ma' istituzzjoni tat-tagħlim għoli f'Malta talbet għal żieda fis-sapport li qed tirċievi biex tagħmel riċerka. Għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwar din it-talba.

g) L-Ghaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ talbet għal għajnuna finanzjarja biex interpretu tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija jissapportja rappreżentant ta' l-Għaqda nieqes mis-smigħ ħalli jkun jista' jattendi konferenza barra minn Malta. Din it-talba ntlaqgħet u l-Għaqda ngħatat Lm400.

h) Il-*Caritas Malta Epilepsy Association* għamlet talba għall-għajnuna fl-ispejjeż ta' pubblikazzjonijiet li xtaqet tipproduċi. Din it-talba ma ntlaqgħetx minħabba li l-materjal kien mediku u mhux soċjali.

2.2 Il-programm irċieva numru ta' talbiet biex persuni jattendu konferenzi kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta relatati mal-qasam tad-diżabilità. Hi *policy* ta' dan il-programm li ma jaċċettax talbiet bħal dawn sakemm dawn ma jkunux biex ikopru spejjeż aktar meħtieġa biex persuna b'diżabilità tattendi dawn il-konferenzi.

## 3. Iż-Żjara tal-Prof Barnes

Bħala parti mill-programm PEKTUR, il-Kummissjoni stiednet lill-Prof Colin Barnes biex waqt li kien Malta biex jattendi werkxop ta' proġett bejn l-Università ta' Malta u dik ta' Leeds, jagħti diversi lekċers. Il-Prof Barnes, li hu d-direttur tas-*Centre for Disability Studies* ta' l-Università ta' Leeds u awtur ta' diversi kotba, kellu laqgħat ma':

a) il-membri tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni ta' l-Università ta' Malta;
b) riċekaturi f'dan il-qasam waqt laqgħa pubblika - din l-attività ġiet organizzata flimkien mal-Kunsill Malti tal-Persuni b'Diżabilità;
c) l-attivisti b'diżabilità li huma l-kelliema waqt il-lekċers li l-Kummissjoni torganizza.

## 4. Riċerka mill-Kummissjoni

### 4.1 Għodda biex Tkejjel kemm id-Diżabilità hi Parti mill-Politika Regolari

Matul din is-sena, il-KNPD flimkien ma' l-Aġenzija SAPPORT bdiet tieħu sehem fi proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea li qed jiġi kkoordinat mill-organizzazzjoni *Leonard Cheshire International*. Dan il-proġett għandu l-għan li jistudja metodi kif il-qasam tad-diżabilità jista' jsir parti integrali mill-politika nazzjonali f'oqsma differenti, bl-Ingliż *European Disability Action Mainstreaming Assessment Tool* (EDAMAT). F'dan il-proġett qed jieħdu sehem ukoll organizzazzjonijiet mir-Renju Unit, l-Irlanda, il-Portugall, Spanja, il-Marokk u l-Greċja. F'Malta dan il-proġett

qed jitmexxa mis-sinjuri Anne-Marie Callus mill-KNPD u Agnes Bezzina mill-Aġenzija SAPPORT. Wara konsultazzjoni ma' persuni b'diżabilità, ġie deċiż li dan il-proġett jiffoka fuq l-Inklużjoni fil-Komunità, il-Ħajja Indipendenti u s-Servizzi tas-Saħħa.

Il-ħidma li saret s'issa marbuta ma' dan il-proġett tikkonsisti fi:

- 3 laqgħat li saru f'entità differenti li qed tieħu sehem f'dan il-proġett.
- Stħarriġ żgħir dwar kemm jeżistu *policies* f'Malta. Irriżulta li ftit li xejn hawn *policies* fil-Ministeri diversi li jsemmu b'mod speċifiku l-persuni b'diżabilità.
- Twaqqaf il-*Project Advisory Group* (PAG) magħmul minn persuni b'diżabilità, ġenitur ta' persuna b'diżabilità li ma tistax tirrappreżenta lilha nnifisha u rappreżentanti ta' l-Awtorità dwar it-Trasport, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, il-Knisja, il-Kunsilli Lokali u d-Diviżjoni tas-Saħħa.
- Żewġ laqgħat, waħda f'Malta u l-oħra f'Għawdex, għal *focus groups* magħmula minn persuni b'diżabilità u ġenituri ta' tfal b'diżabilità.
- Tfasslet skeda għal intervista li se tintuża għal dan l-istudju.

Dan il-proġett se jkompli matul l-2006.

## 4.2 Attivitajiet u Faċilitajiet Sportivi Inklużivi

Matul l-2004, il-Kummissjoni bdiet tikkoordina proġett iffinanzjat mill-programm Grundtvig ta' l-Unjoni Ewropea li kellu l-għan li jistħarreġ kif attivitajiet u faċilitajiet sportivi jistgħu jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Din it-tema ntgħażlet l-aktar minħabba li dik is-sena kienet iddedikata mill-Unjoni Ewropea lill-Isports.

Il-parteċipanti Maltin f'dan il-proġett kienu s-sinjuri Angela Agius, Kevin Attard, Eugenio Calleja u Clayton Vella, flimkien mas-sinjuri Helen Attard u Rosanne Fenech li mexxew u ssapportjaw lill-grupp Malti. Entitajiet mir-Rumanija u l-Italja kienu l-imsieħba l-oħra f'dan il-proġett.

Dan il-proġett tkompla matul l-2005 b'dawn l-attivitajiet:

- Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji dwar l-involviment tal-persuni b'diżabilità f'attivitajiet sportivi lil żewġ gruppi: persuni b'diżabilità reġistrati mal-KNPD kif ukoll aġenziji, għaqdiet u entitajiet oħra li jorganizzaw attivitajiet sportivi.
- Ir-riżultati ta' dan l-istħarriġ Malti ġew ippreżentati f'żewġ seminars pubbliċi, wieħed f'Malta u l-ieħor f'L'Aquila, l-Italja.
- Tfasslu linji gwida dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità f'faċilitajiet u attivitajiet sportivi.

Sfortunatament talba biex ikun hemm il-fondi ħalli dan il-proġett ikompli biex issir konsultazzjoni dwar dawn il-linji gwida mfassla u eventwalment jiġu ppubblikati ma ntlaqgħetx min-naħa tal-pajjiżi msieħba tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni però se tkompli taħdem biex dawn il-linji gwida jiġu ppubblikati.

## 4.3 Prattiċi Tajba biex ikun Hemm Aċċess Raġonevoli fl-Ambjent Mibni għall-Persuni b'Diżabilità

Matul is-sena 2005, il-Kummissjoni ssieħbet fi proġett li għandu l-għan li jistabbilixxi kriterji li fuqhom jiġi stabbilit x'inhu raġonevoli fejn jidħol aċċess fiżiku - Prattiċi Tajba biex ikun Hemm Aċċess Raġonevoli fl-Ambjent Mibni għall-Persuni b'Diżabilità. Dan il-proġett qed isir bejn l-universitajiet ta' Malta u Leeds, bil-parteċipazzjoni attiva tal-KNPD u tas-*Centre for Disability Studies* ta' l-Università ta' Leeds. Matul din is-sena, dan il-proġett ħadem hekk:

- saret laqgħa preparatorja fl-Università ta' Leeds tat-tim maniġerjali li qed imexxi l-proġett. Il-Kummissjoni kienet rappreżentata mis-Sinjuri Joe Camilleri u Fred Bezzina.
- sar werkxop f'Malta li għalih attendew 12-il delegat minn Leeds u 13-il delegat minn Malta. Id-delegati Maltin mistiedna min-naħa tal-Kummissjoni kienu l-membri tal-Bord dwar l-Eżami ta' X'inhu Raġonevoli, il-periti li jaħdmu mal-Kummissjoni u l-avukata tal-Kummissjoni. F'dan il-werkxop saret diskussjoni fi gruppi dwar każijiet tipiċi.
- sar werkxop ieħor, din id-darba f'Leeds, li għalih attendew 19-il delegat minn Leeds u 15-il delegat minn Malta u li fih kompliet id-diskussjoni fi gruppi, inkluża l-proċedura kif għandu jigi stabbilit x'inhu raġonevoli u l-proċedura użata f'Malta permezz tal-Bord dwar x'Inhu Raġonevoli.

Dan il-proġett se jkompli matul l-2006.

## 4.4 Aċċess għal Taħriġ Professjonali

Matul l-2005, il-KNPD daħlet bħalha sieħba fi proġett pilota, Aċċess għal Taħriġ Professjonali, li hu maħsub sabiex persuni b'diżabilità jingħataw l-opportunità li jitħarrġu fil-qasam tas-*social work*. Dan il-proġett hu ffinanzjat mill-Programm Leonardo ta' l-UE, hu koordinat mid-De Montfort University, ta' Leicester, ir-Renju Unit, u se tieħu sehem fih ukoll il-*Marie Curie Association* tal-Bulgarija. Il-proġett hu mifrux fuq sentejn. Is-Sinj Rosanne Fenech, uffiċjal għoli fil-Kummissjoni, se tikkoordina l-ħidma ta' dan il-proġett min-naħa Maltija u se jkun hemm ukoll l-involviment tad-Dipartiment tas-*Social Work* ta' l-Università ta' Malta.

Kapitlu 12

# L-INFORMAZZJONI U L-EDUKAZZJONI PUBBLIKA

# 1. Il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità

1.1 It-3 ta' Diċembru hu l-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità. Kull sena, il-Kummissjoni torganizza Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità bil-għan li tqajjem kuxjenza dwar dan is-settur. Barra li torganizza numru ta' attivitajiet, il-Kummissjoni tistieden organizzazzjonijiet oħra li jorganizzaw attivitajiet biex jintlaħaq aktar dan il-għan.

It-tema magħżula mill-Unjoni Ewropea għal din il-Ġimgħa kienet **Ħajja Flimkien fis-Soċjetà.** Din is-sena, din il-Ġimgħa ġiet organizzata bejn is-27 ta' Novembru u l-4 ta' Diċembru 2005.

Il-maġġoranza ta' l-attivitajiet li l-Kummissjoni organizzat għal din il-Ġimgħa kienu sponsorjati mill-Programm tal-Komunità ta' l-Unjoni Ewropea biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni. Dawn kienu l-attivitajiet li organizzat il-Kummissjoni matul din il-Ġimgħa:

### 1.2 Konferenza għall-Midja kollha biex tvara l-Ġimgħa

Il-Kummissjoni organizzat din il-konferenza nhar il-Ħamis 25 ta' Novembru 2005 fl-uffiċini tal-Kummissjoni u matulha ġew ippreżentati lill-pubbliku:

- Il-poster bit-tema ta' din il-Ġimgħa. Dan tqassam ma' Malta u Għawdex kollha biex jiġi esebit f'postijiet pubbliċi.
- Il-messaġġ maħsub għall-pubbliku ġenerali li l-Kummissjoni toħroġ għal din il-Ġimgħa.
- Messaġġ ieħor, din id-darba maħsub għat-tfal, li ġie ċċirkulat ma' l-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex bil-għan li jinqara fil-Jum Internazzjonali jew f'ġurnata qrib.
- Riklam qasir awdjo li xxandar regolarment fuq l-istazzjonijiet kollha tar-radju matul din il-Ġimgħa.
- Riklam qasir televiżiv li ntbagħat lill-istazzjonijiet kollha tal-televixin biex jixxandar matul din il-Ġimgħa.
- Il-programm sħiħ ta' din il-Ġimgħa.

### 1.3 Preżentazzjoni tat-tieni edizzjoni ta' *Access for All - Design Guidelines*

Dan il-ktieb ġie ppreżentat lill-midja, lill-istudenti ta' l-Arkitettura, lill-Fakultà ta' l-Arkitettura, lill-Kamra tal-Periti, lid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet, lill-MEPA, lill-BICC u lill-Assoċjazzjoni ta' l-*Occupational Therapists*. Din l-attività saret f'Dar l-Istudent, l-Università ta' Malta, fejn sar użu għall-ewwel darba mil-lift li sar mill-Università biex tirrendi dan il-bini aċċessibbli, wara li l-Kummissjoni kienet fetħet kawża lill-Università. Għal din l-attività attendew numru kbir ta' studenti tal-Fakultà ta' l-Arkitettura. Din l-attività ġiet indirizzata miċ-Ċermen tal-Kummissjoni, is-Sur Joe Camilleri, mid-Dekan tal-Fakultà, il-Profs Joseph Falzon, Dr Joseph Spiteri, il-ko-editur ta' dan il-ktieb u s-Sinj Vicki Sciberras li spjegat għaliex il-persuni b'diżabilità jħossu l-bżonn ta' dawn il-linji gwida.

Kopja ta' dan il-ktieb tista' tinkiseb mingħajr ħlas mill-uffiċini tal-Kummissjoni jew minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org.

### 1.4 Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali dwar il-Liġi Opportunitajiet Indaqs

Peress li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs daħlet fis-seħħ f'Ottubru 2000, il-Kummissjoni ta' kull sena toħroġ rapport li fih tippreżenta lill-pubbliku l-ħidma li hi tkun wettqet matul dik is-sena (minn Ottubru 2004 sa Settembru 2005) biex tara li din il-Liġi qed tkun imħarsa. Dan ir-rapport ġie ppreżentat waqt konferenza għall-midja kollha mis-Sur Joe Camilleri, Ċermen tal-Kummissjoni u s-Sinj Marianne Debono, Maniġer tat-Taqsima Opportunitajiet Indaqs. Taw ir-reazzjoni tagħhom ukoll l-Onor Marie Loiuse Coleiro, kelliem ewlieni ta' l-Oppożizzjoni għas-Solidarjetà u l-Onor Dolores Cristina, Ministru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali. Kopja ta' dan ir-rapport tista' tinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni jew minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org.

### 1.5 Żjara ta' Kortesija lill-E.T. Dr E Fenech Adami, President ta' Malta

Il-membri tal-Kummissjoni għamlu żjara ta' kortesija lill-Eċċ Tiegħu Dr E Fenech Adami, President ta' Malta. Barra li l-Kummissjoni riedet turi l-apprezzament tagħha għall-ħidma li l-Kummissjoni twettaq flimkien mal-*Community Chest Fund*, il-Kummissjoni ħadet l-okkażjoni wkoll biex tippreżenta lill-kap ta' l-Istat Malti l-verżjoni tal-ktejjeb Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità f'midja differenti. Il-Kummissjoni ħadet ħsieb li dan il-ktejjeb importanti jiġi ppubblikat f'dawn il-midja differenti:

- stampat bil-Malti
- stampat bl-Ingliż
- verżjoni bil-Malti b'tipa kbira
- verżjoni bil-Malti fuq awdjo
- verżjoni stampata Ħafif-biex-Taqra
- verżjoni bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija fuq DVD.

Fl-aħħar ta' din il-laqgħa l-E.T Dr Fenech Adami akkumpanja lill-membri biex jaraw u jużaw ir-rampa li ġiet installata reċentement mil-lift tal-Palazz għall-kuritur li jagħti għas-swali tal-Palazz. Il-President irrimarka li din ir-rampa, li hi tal-ħġieġ biex il-paviment ikun jista' jibqa' jidher, turi li bir-rieda tajba ta' kulħadd, minkejja d-diffikultajiet, l-aċċessibilità hi possibbli ankè f'postijiet sensittivi u storiċi bħalma hu l-Palazz tal-President.

### 1.6 Taħriġ Ħaddiema HSBC

Fuq talba tal-HSBC, il-Kummissjoni matul din il-Ġimgħa bdiet kors ta' għarfien lill-ħaddiema ta' din il-kumpanija biex huma jsiru aktar konxji kif iġibu ruħhom ma' klijenti b'diżabilità. Dan il-kors isir mill-Kummissjoni bl-involviment ta' persuni b'diżabilità nfushom u ġenituri ta' persuni b'diżabilità li ma jistgħux jirrappreżentaw lilhom infushom.

### 1.7 Preżentazzjoni tar-Rapport dwar is-*Self-Advocacy*

Aktar kmieni din is-sena, il-Kummissjoni ppreżentat rapport dwar is-*Self Advocacy* għall-persuni b'diżabilità intellettwali waqt seminar li kien indirizzat mis-Sur Andrew Lee, Ċermen tal-*People First* tar-Renju Unit. Dan ir-rapport issa ġie ppreparat f'format Ħafif-biex-Taqra biex ikun jista' jibda proċess ta' konsultazzjoni dwaru, biex eventwalment isir il-politika uffiċjali tal-KNPD għal dan is-settur. Waqt din il-Ġimgħa ġiet organizzata laqgħa importanti fejn ġie diskuss dan ir-rapport fil-format Ħafif-biex-Taqra. Din il-konsultazzjoni kellha rappreżentanza qawwija ta' persuni b'diżabilita intellettwali u l-organizzazzjonijiet tagħhom. Fil-bidu tal-laqgħa kien hemm ukoll introduzzjoni mis-Sur Joseph Camilleri, Ċermen tal-Kummissjoni, l-Onor Joseph Abela, kelliem ta' l-Oppożizzjoni għal dan is-settur, u l-Onor Clyde Puli, Ċermen tal-Kumitat Soċjali tal-Parlament Malti.

## 1.8 Parlament tal-Persuni b'Diżabilità

Bħas-snin ta' qabel il-Kummissjoni reġgħet organizzat il-Parlament tal-Persuni b'Diżabilità bil-parteċipazzjoni ta' l-i*Speaker* l-Onor Anton Tabone, l-Onor Marie Louise Coleiro u l-Ministeru Dolores Cristina, is-Sur Joseph Camilleri, Ċermen tal-Kummissjoni, is-sur Waldemar Beck, President tal-Federazzjoni Maltija ta' l-Organizzazzjonijiet Persuni b'Diżabilità u s-Sinj Nicolette Aquilina, rappreżentanta tal-Kunsill Malti tal-Persuni b'Diżabilità. Dan il-Parlament iddiskuta l-proposta li saret fir-rapport Spiteri li tgħid li għandu "jitwaqqaf Kumitat Permanenti tal-Kamra tar-Rappreżentanti dwar l-Oqsma tad-Diżabilità". L-objettivi prinċipali ta' dan il-Kumitat hu li jimmoniterja u jevalwa kif il-provedimenti legali eżistenti rigward il-persuni b'diżabilità, inkluża l-edukazzjoni, qed ikunu implimentati, u jirrakkomanda lill-Kamra provedimenti leġiżlattivi ġodda li l-Kumitat iħoss li jkun hemm bżonn". Is-Sur Lino Spiteri ppreżenta hu stess din il-proposta.

Dan il-Parlament ixxandar dirett minn TVM.

## 1.9 Għoti tad-Demm mal-Bank tal-Kavallieri ta' San Ġwann

Bħala turija li l-persuni b'diżabilità jridu jkunu parti mis-soċjetà ankè billi jikkontribwixxu l-parti tagħhom, ġie organizzat nofs ta' nhar li fih numru sabiħ ta' persuni b'diżabilità u ħbiebhom taw id-demm lill-Bank tad-Demm tal-Kavalllieri ta' San Ġwann, li għal darb'oħra rama klinika mobbli fl-uffiċini tal-Kummissjoni.

## 1.10 Konferenza Nazzjonali bit-tema "Ħajja Flimkien fis-Soċjetà"

L-attività prinċipali ta' din il-Ġimgħa kienet propju l-Konferenza Nazzjonali li l-Kummissjoni organizzat flimkien mal-Federazzjoni Maltija tal-Organizzazzjonijiet Persuni b'Diżabilità bit-tema tal-Ġimgħa. Il-kelliema prinċipali ta' din il-konferenza li saret fil-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità, it-3 ta' Diċembru, kienu s-Sinj Mandi Glover, *Chair* ta' l-i*Scope Cymru* ta' Wales u s-Sinj Rita Borg, *Chair* tas-*Service Allocation Committee* ta' l-Aġenzija Sapport. Il-Konferenza wkoll ġiet indirizzata mill-Onor Marie Louise Coleiro u l-Ministru Dolores Cristina. Kien hemm ukoll interventi minn *panel* ta' organizzazzjonijiet li jipprovdu servizz. Dan il-*panel* kien kompost minn Dr Doriette Soler, għad-Diviżjoni tas-Saħħa, is-Sur George Borg għad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, is-Sur Charles Cassar għall-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ, is-Sur Marcel Pisani għall-Aġenzija Sapport u s-Sinj Audrey Testaferrata de Noto għall-Awtorità dwar it-Trasport.

Il-Kummissjoni qed taħdem biex dawn l-interventi kollha, flimkien ma' sommarju tad-diskussjoni, jiġu ppubblikati u anki jkunu fuq il-websajt tal-Kummissjoni fi żmien qasir.

## 1.11 Messaġġ Ministerjali fuq TVM mill-Ministru Dolores Cristina u Sarah Cassar

Bħas-snin l-imgħoddija, il-Ministru responsabbli minn dan is-settur jagħti messaġġ lill-pubbliku Malti minn fuq TVM flimkien ma' persuna b'diżabilità fil-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità. Din is-sena l-Ministru Cristina għamlet l-istess u l-messaġġ tagħha sar flimkien mas-Sinj Sarah Cassar. Minħabba li s-Sinj Cassar ma tistax titkellem ċar, il-messaġġ tagħha ngħata bl-Ingliż permezz ta' l-i*speech synthesiser* (għad ma għandniex it-teknoloġija biex dan isir bil-Malti). Barra minn hekk il-messaġġ ingħata wkoll bis-sottotitli bil-Malti u kien ukoll interpretat bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija.

## 2. Kampanja Saħħa fid-Diversità u Ġranet ta' Għarfien

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità hi impenjata bis-sħiħ f'kampanja kontinwa biex ikun hemm kuxjenza u għarfien akbar kontra d-diskriminazzjoni minħabba diżabilità. Għal dan il-għan il-Kummissjoni ġabet fondi ta' l-Unjoni Ewropea mill-Programm tal-Komunità biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni biex tkun tista' torganizza:

a) Kampanja ta' sena matul l-2004/5, bit-tema **Saħħa fid-Diversità**, li saret flimkien mas-Servizz tal-Ġiżwiti mar-Refuġjati;
b) Ġranet ta' Għarfien matul l-2005.

Matul l-2005 ġew organizzati dawn l-attivitajiet marbuta ma' dawn l-inizjattivi:

### 2.1 **Seminar dwar il-Liġi Opportunitajiet Indaqs u d-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea dwar id-Diskriminazzjoni minħabba Razza.**

Dan is-seminar maħsub primarjament għall-professjoni legali, min-naħa tad-diżabilità kien indirizzat mis-Sinj Marianne Debono, maniġer fit-Taqsima Opportunitajiet Indaqs tal-Kummissjoni u minn Dr Doreen Clarke, il-konsulent legali tal-Kummissjoni. Is-seminar ġie ċċerjat mis-Sur Joseph M. Camilleri, Ċermen tal-Kummissjoni.

### 2.2 **Seminar dwar il-Pjan t'Azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea fuq id-Diżabilità**

Il-Kummissjoni f'nofs Mejju organizzat seminar dwar il-Pjan t'Azzjoni dwar id-Diżabilità mill-Unjoni Ewropea għas-snin 2004-2010. Dan il-pjan kien riżultat dirett tas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità li saret fl-2003. Il-kelliem ewlieni ta' dan is-seminar kien l-Onor Richard Howitt, membru parlamentari Ewropew u Ċermen tal-grupp interparlamentari tal-Parlament Ewropew dwar id-Diżabilità. Kelliema oħra f'dan is-seminar, li kien iċċerjat mis-Sinj Vicki Sciberras, kienu l-Onor Dr Jason Azzopardi, Ċermen tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u Ewropej tal-parlament Malti li introduċa s-seminar, is-Sur Gordon Cardona li ta l-perspettiva għal dan il-pjan mil-lenti ta' persuna b'diżabilità u mis-Sur Joseph M.Camilleri, Ċermen tal-Kummissjoni, li spjega kif dan il-pjan jista' jiġi implimentat fil-livell lokali.

Il-Kummissjoni ħadet ħsieb tagħmel traduzzjoni bil-Malti ta' dan il-pjan. Min jixtieq kopja ta' dan il-pjan bil-Malti jew bl-Ingliż jista' jikkuntattja l-uffiċċju tal-Kummissjoni jew inkella jista' jsibu fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org.

### 2.3 **Il-Parlament tal-Persuni b'Diżabilità**

F'nofs Mejju 2005, il-Kummissjoni organizzat il-Parlament tal-Persuni b'Diżabilità li għalih ġew mistiedna l-membri parlamentari Maltin kollha u rappreżentanti tal-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet tagħhom. Dan il-parlament tmexxa mill-Onor AntonTabone, l-i*Speaker* tal-Parlament Malti. Il-kelliem prinċipali reġa' kien l-Onor Richard Howitt, membru parlamentari Ewropew u Ċermen tal-grupp interparlamentari dwar id-diżabilità tal-Parlament Ewropew. Fih tkellmu wkoll is-sinjuri George Vella, li tkellem fuq l-edukazzjoni, Marthese Mugliette, li tkellmet fuq ix-xogħol u s-servizzi ta' matul il-jum, Leon Sciberras li tkellem fuq il-ħin liberu u Rita Borg li tkellmet fuq ħajja indipendenti. Dawn huma kollha persuni b'diżabilità jew ġenituri ta' persuni b'diżabililità li ma jistgħux jirrappreżentaw lilhom infushom. Min-naħa parlamentari tkellmu fost l-oħrajn l-Onor Dolores Cristina u l-Onor Marie Louise Coleiro. Dan is-seminar ġie ffilmjat dirett mill-*Public Broadcasting Services* fuq TVM.

### 2.4 Seminar dwar is-*Self Advocacy* għall-Persuni b'Diżabilità Intellettwali

Il-Kummisjoni fl-aħħar ta' Mejju organizzat seminar dwar is-*self advocacy* għall-persuni b'diżabilità intellettwali. Il-kelliem ewlieni għal dan is-seminar kien is-Sur Andrew Lee, Ċermen tal-*People First* li hi għaqda Britannika ta' persuni b'diżabilità intellettwali mmexxija minnhom stess bis-sapport meħtieġ. Tkellmu wkoll is-Sinj Rita Formosa u s-Sinj Marthese Deguara mill-grupp Flimkienaslu li hu grupp Malti ta' persuni b'diżabilità intellettwali mmexxi minnhom stess bis-sapport meħtieġ. Ġie wkoll ippreżentat abozz ta' rapport fuq is-sitwazzjoni Maltija f'dan is-settur mis-sinjuri Anne Marie Callus u Helen Attard. L-għan ta' dan is-seminar hu li jitħejja rapport fuq is-sitwazzjoni Maltija f'dan il-qasam. Għal dan is-seminar il-Kummisjsoni ħejjiet fuljett dwar is-*self advocacy* f'format Ħafif-biex-Taqra. Dan il-fuljett jista' jinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni jew minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni www.knpd.org.

### *2.5 In-Service Course* għall-Għalliema ta' l-Istudji Soċjali dwar id-Diversità

Permezz ta' din il-kampanja, ġie organizzat *in-service course* għall-għalliema ta' l-istudji soċjali ta' l-iskejjel sekondarji li fih ġie varat ktejjeb maħruġ mis-Servizz tal-Ġiżwiti mar-Refuġjati bl-istess tema tal-kors u li ffoka dwar id-diskriminazzjoni li jiffaċċjaw persuni ta' razza differenti, u ta' persuni b'diżabilità minn dik tal-maġġoranza. Barra minnhekk is-Sur Charles Borg mis-segretarjat tal-Kummissjoni żar diversi skejjel f'Malta u f'Għawdex fejn kellem l-istudenti bil-għan li jikber l-għarfien dwar l-*issues* tal-persuni b'diżabilità. Waqt dawn il-laqgħat, il-Kummissjoni qassmet ukoll il-pakkett edukattiv **Ħoloq**, li huma sett ta' lezzjonjiiet dwar persuni b'diżabilitajiet differenti, flimkien ma' tagħrif għall-għalliema.

### 2.6 Kompetizzjoni u Wirja ta' l-Arti

Ġiet organizzata kompetizzjoni ta' l-arti għall-istudenti ta' l-iskejjel sekondarji kollha bit-tema "**Niġġieldu d-Diskriminazzjoni bl-Arti**". Kien hemm 25 tpinġija li ħadu sehem u r-rebbieħ kien is-Sur Norbert Brincat mill-Iskola Sekondarja San Mikiel, Santa Venera. L-ewwel tliet tpinġijiet kienu wkoll esposti f'wirja ta' l-arti bl-istess tema li nżammet fil-Kavalier ta' San Ġakbu u li kellha l-parteċipazzjoni ta' numru ta' artisti stabbiliti.

## 3 *Iċ-CHOGM*

Bħala parti mill-attivitajiet li saru fl-okkażjoni taċ-CHOGM f'Novembru 2005, il-*Commonweatlh Foundation* organizzat esibizzjoni bi stends ta' entitajiet differenti mill-*Commonwealth* kollu. Din kienet parti mill-*People's Forum* li sar f'Dar il-Mediterran eżatt qabel il-laqgħa tal-mexxejja tal-*Commonwealth*. Il-Kummissjoni, bis-sapport tal-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità fl-Informatika (FITA), tellgħet stend bit-tema *Networking Commonweath People Including Persons with Disability*. Dan l-istend tmexxa minn persuni b'diżabilità bis-sapport ta' l-istaff tal-KNPD u tal-FITA. Minn dan l-istend tqassmu pubblikazzjonjiet tal-Kummissjoni u anke ntwera kif persuni b'diżabilità, l-aktar dawk neqsin mill-vista, jistgħu jaċċessaw il-kompjuter jekk ikollhom l-apparat u t-taħriġ meħtieġ. Minkejja li n-numru ta' persuni li żaru din il-Fiera kien wieħed limitat, il-Kummissjoni tħoss li l-preżenza pożittiva tal-persuni b'diżabilità f'dan l-avveniment importanti kienet waħda meħtieġa.

# 4. Websajt

4.1 Il-Kummissjoni kompliet taħdem biex il-**websajt** tagħha (www.knpd.org) tkun aġġornata l-aktar dwar il-ħidma tal-Kummissjoni u ankè tassigura li din tkun kompletament aċċessibbli għal kulħadd.

4.2 L-istatistika relatata mal-websajt għas-sena 2005 hi miġbura f'Tabella 17.

4.3 Dawn iċ-ċifri juru b'mod ċar li l-websajt tal-Kummissjoni qed tintuża sostanzjalment għax hemm żidiet uħud minnhom relattivament kbar, bħaż-żieda ta' 34 viżitatur ġdid, madwar 1,000 viżitatur aktar li żaru l-websajt aktar minn darba u kważi 6,500 paġna użati aktar.

**TABELLA 17**

**Websajt tal-Kummissjoni**

| | 2004 | 2005 |
|---|---|---|
| Viżitaturi ġodda | 289 | 323 |
| Viżitaturi ta' aktar minn darba | 172 | 1,165 |
| Paġni użati | 4,355 | 10,847 |

# 5. Iċ-Ċentru tar-Riżorsi

5.1 Matul is-sena 2005, il-Kummissjoni kompliet tipprovdi s-servizz taċ-Ċentru tar-Riżorsi li jinsab fl-uffiċini tagħha fiċ-Ċentru Ħidma Soċjali, Santa Venera. Dan iċ-Ċentru jkun miftuħ għall-pubbliku waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju u anke s-Sibt fil-għodu.

5.2 Ir-riżorsi li għandu dan iċ-Ċentru u l-ħidma li wettaq matul is-sena 2005 hi dik li tinstab f'Tabella Numru 18.

5.3 Dan iċ-Ċentru ra tnaqqis sostanzjali (minn 484 għal 127) tal-persuni (b'diżabilità, studenti, professjonisti, u l-bqija) li għamlu użu minnu. Mill-ewwel indikazzjonijiet jidher li dan it-tnaqqis hu dovut l-aktar għall-fatt li ċ-ċifra għas-sena 2004 kienet ogħla ħafna minn dik medja. Madankollu, is-segretarjat tal-Kummissjoni se jimpenja ruħu biex jinstabu r-raġunijiet għal dan it-tnaqqis u x'miżuri korrettivi jistgħu jittieħdu. Min-naħa l-oħra kien hemm żieda notevoli tar-riżorsi li hemm f'dan iċ-Ċentru.

**TABELLA 18**

**Ċentru tar-Riżorsi**

| | Mislufa | Ġodda | Total |
|---|---|---|---|
| Kotba | 461 | 255 | 3992 |
| Perjodiċi | 45 | 0 | 32* |
| Vidjos | 12 | 9 | 440 |
| Awdjo kasetts | 7 | 14 | 119 |
| Għajnuniet Edukattivi | 218 | 0 | 218 |
| CDs | 5 | 8 | 71 |
| Persuni li użaw iċ-Ċentru fl-2005 | | 127 | |
| Persuni reġistrati maċ-Ċentru | | 1189 | |

** Il-Kummissjoni hi abbonata f'34 perjodiku differenti*

# 6. Il-Pubblikazzjonijiet tal-Kummissjoni

## 6.1 Pubblikazzjonijiet Ġodda

Matul din is-sena l-Kummissjoni ppubblikat dawn il-pubblikazzjonijiet:

- It-tieni edizzjoni ta' ***Access for All - Design Guidelines***;
- Rapport tal-**Konferenza Nazzjonali dwar id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi Qafas Ġenerali għal Trattament Ugwali fl-Impjieg** - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż u awdjo;
- **Rapport tas-Seminar dwar Opportunitajiet Indaqs għall-Persuni b'Diżabilità: Pjan t'Azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea** - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż u awdjo;
- Rapport dwar is-**Seminar tas-*Self Advocacy*** - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż u fuq awdjo;.
- Fuljett dwar is-**Servizzi tal-Kummissjoni** - verżjoni Ħafif-biex-Taqra;
- Fuljett Ħafif-biex-Taqra dwar is-***Self-Advocacy***;
- Verżjoni fuq DVD bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija tal-ktieb **Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità;**
- Ir-Rapport Annwali dwar il-**Liġi Opportunitajiet Indaqs - Il-Ħames Edizzjoni (2004-2005);**
- **Ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni għas-Sena 2004.**

Dawn il-pubblikazzjonijiet, barra r-rapporti annwali tal-Kummissjoni u tal-Liġi, ġew iffinanzjati minn fondi tal-Kampanja Saħħa fid-Diversità bħala parti mill-programm ta' l-Unjoni Ewropea tal-Komunità biex Niġġieldu d-Diskriminazzjoni.

## 6.2 Il-Ktejjeb Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità

Barra li l-Kummissjoni ħadet ħsieb li dan il-ktejjeb importanti jkun fuq DVD bil-Lingwa tas-Sinjali, il-Kummissjoni ppreparat ukoll verżjoni Ħafif-biex-Taqra. Minħabba li qed issir reviżjoni tal-kontenut kollu ta' dan il-ktejjeb, saret edizzjoni limitata ta' din il-pubblikazzjoni bil-ħsieb li meta dan l-eżerċizzju jitlesta, din il-pubblikazzjoni tkun ippubblikata b'dan il-format ukoll.

## 6.3 Indaqs

Il-Kummissjoni, matul is-sena 2005, ippubblikat żewġ ħarġiet tan-*newsletter* tagħha **Indaqs,** f'Mejju u f'Diċembru 2005. Din in-*newsletter*, b'ċirkolazzjoni ta' madwar 8,000, titqassam lill-persuni b'diżabilità kollha li huma reġistrati mal-Kummissjoni u lil dawk kollha involuti f'dan il-qasam. L-**Indaqs** tiġi wkoll ippubblikata bl-Ingliż, fuq awdjo bil-Malti u tinsab ukoll fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

## 6.4 Klijenti b'Diżabilità u Inti

L-HSBC, bil-kollaborazzjoni tal-Kummissjoni, ippubblikat dan il-ktejjeb maħruġ bl-Ingliż mill-*Employers' Forum on Disability* tar-Renju Unit bil-għan li entitajiet li jipprovdu servizz ikunu aktar konxji kif jistgħu jaqdu aħjar klijenti b'diżabilità. L-ewwel edizzjoni ta' dan il-ktejjeb spiċċat u, fuq talba tal-Kummissjoni, l-HSBC aċċetta li jippubblika t-tieni edizzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni tieħu ħsieb it-tqassim ta' dan il-ktejjeb.

## 6.5 Pubblikazzjoni tal-KNPD f'Midja Differenti

Biex l-informazzjoni offruta mill-Kummissjoni tkun aċċessibbli għall-akbar għadd ta' persuni possibbli, il-pubblikazzjonijiet li saru matul din is-sena, flimkien ma' oħrajn, jistgħu jinkisbu mis-Segretarjat tal-Kummissjoni mingħajr ħlas skond kif jidher f'Tabella Numru 19.

**TABELLA 19**

## Pubblikazzjonijiet tal-Kummissjoni f'Formati Differenti

| | Malti | Ingliż | Ħafif-biex-Taqra | Awdjo | Lingwa tas-Sinjali Maltija | Websajt | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Malti | Ingliż |
| Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) | • | • | | • | | • | • |
| Indaqs | • | • | | • | | • | • |
| Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità | • | • | • | • | • | • | • |
| *Access for All - Design Guidelines* | | • | | | | | • |
| *Factsheet* - Servizzi tal-Kummissjoni | • | • | • | • | • | • | • |
| Ħoloq | • | | | | | • | |
| Rapport dwar is-*Self Advocacy* | • | • | • | • | | • | • |
| Seminar: Opportunitajiet Indaqs għall-Persuni b'Diżabilità: Pjan t'Azzjoni ta' l-UE | • | • | | • | | • | • |
| Konferenza dwar id-Direttiva ta' l-UE għal trattament Ugwali fl-Impjieg | • | • | | • | | • | • |
| Rapport Annwali 2005 - KNPD | • | • | | • | | • | • |
| Rapport Annwali 2004/5 - Liġi Opportunitajiet Indaqs | • | • | | • | | • | • |
| Fuljett dwar is-*Self Adocacy* | | | • | | | • | |
| Fuljett fuq ir-Riċerka dwar dak li Jolqot l-Aktar lil Persuni b'Diżabilità u l-Familji tagħhom | • | | | • | • | • | • |
| Klijenti b'Diżabilità u Inti | • | | | • | | | |

# Kapitlu 13 ĦIDMA INTERNAZZJONALI

# 1. Ħidma mal-Ġnus Magħquda

## 1.1 Konvenzjoni Internazzjonali

Il-Ġnus Magħquda ddeċidiet li tfassal Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità. Għal dan il-għan bdew isiru diskussjonijiet fil-Kwartieri tal-Ġnus Magħquda fi New York biex tiġi abbozzata din il-Konvenzjoni.

Il-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea ftiehmu li jippreżentaw vuċi waħda waqt dawn id-diskussjonijiet. Għaldaqstant, qabel kull sessjoni ta' laqgħat li jsiru fi New York, l-Unjoni Ewropea organizzat laqgħa għall-pajjizi membri biex titfassal il-pożizzjoni ta' l-Unjoni Ewropea f'dawn id-diskussjonijiet.

Malta hi rappreżentata f'dawn id-diskussjonijiet mill-Kummissjoni. Minħabba limitazzjoni ta' riżorsi kemm f'termini finanzjarji kif ukoll umani, il-Kummissjoni ddeċidiet li għal issa tattendi biss il-laqgħat li jsiru mill-Unjoni Ewropea. Matul din is-sena saru tliet laqgħat, waħda f'Londra u t-tnejn l-oħra fi Brussell. Għall-ewwel laqgħa attenda s-Sur Joe Camilleri, Ċermen tal-Kummissjoni, it-tieni laqgħa attendiet għaliha s-Sinj Anne-Marie Callus, uffiċjali għoli tal-Kummissjoni, waqt li t-tielet laqgħa ma stajniex nattendu għaliha minħabba li saret matul il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità.

## 1.2 Regoli Standard

Il-Ġnus Magħquda għandha *rapporteur* biex jara kif il-Gvernijiet qed iħaddmu r-Regoli Standard għall-Opportunitajiet Indaqs għall-Persuni b'Diżabilità maħruġa minnha stess. Dan ir-*rapporteur* fil-bidu tas-sena talab lill-Kummissjoni jwieġeb kwestjonarju dettaljat dwar dan. Il-Kummissjoni ġiet mitluba wkoll biex, meta tagħmel dan, tikkonuslta mas-settur mhux governattiv li jaħdem f'dan il-qasam. Għal dan il-għan il-Kummissjoni, qabel imliet dan il-kwestjonarju, sejħet laqgħa ma' dawn l-entitajiet biex din il-konsultazzjoni tkun tista' ssir. Eventwalment il-Kummissjoni bagħtet dan il-kwestjonarju mimli lill-Ġnus Magħquda.

# 2. Ħidma ma' l-Unjoni Ewropea

## 2.1 Grupp ta' Uffiċċjali Għolja dwar id-Diżabilità

L-Unjoni Ewropea għandha grupp ta' Uffiċjali Għolja dwar id-diżabilità mill-pajjiżi membri bil-għan li l-pajjiżi membri jkunu infurmati b'dak li qed isir f'dan il-qasam fuq il-livell Ewropew kif ukoll biex dawn l-uffiċjali jaqsmu l-ideat u l-esperjenzi tagħhom flimkien. Malta hi rappreżentata f'dan il-grupp permezz tal-Kummissjoni.

Matul din is-sena dan il-grupp iltaqa' darba fi Brussell u attenda għal din il-laqgħa s-sur Fred Bezzina, Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni. Fost l-oħrajn, dan il-grupp iddiskuta dawn l-*issues*:

- l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi;
- il-Politika Antidiskriminatorja u s-Sena 2008 bħala s-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs;
- il-Ġbir ta' Statistika dwar il-Persuni b'Diżabilità;
- il-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità 2005.

## 2.2 Rapport Dwar il-Qagħda tal-Persuni b'Diżabilità

L-Unjoni Ewropea ntrabtet li matul l-2005 tipproduċi rapport dwar il-qagħda tal-persuni b'diżabilità fil-pajjiżi membri. Il-Kummissjoni tat is-sehem tagħha fit-tfassil ta' dan ir-rapport li ġie ppreżentat lill-pubbliku fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità. Għal din l-okkażjoni saret ukoll konferenza Ewropea fi Brusell bit-tema **Ħajja Flimkien fis-Soċjetà.** Il-Kummissjoni kienet rappreżentata għal din il-konferenza mis-Sur Charles Borg, uffiċjal fis-segretarjat tal-Kummissjoni.

## 2.3 Direttiva dwar il-Persuni b'Diżabilità u t-Trasport bl-Ajru

Il-Parlament Ewropew għadu kemm għadda direttiva biex jiġi assigurat li persuni b'diżabilità ma jiġux diskriminati waqt li jkunu qed jivvjaġġaw bl-ajru u li dawn jingħataw is-sapport li għandhom bżonn mingħajr ħlas addizzjonali. Waqt id-diskussjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni tat il-kummenti tagħha u l-Gvern Malti appoġġjaha.

## 2.4 Programm ta' Azzjoni tal-Komunità biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni

Bħalma ġara s-sena l-oħra, il-Kummissjoni applikat b'suċċess biex ikollha l-fondi (100,000 Ewro) biex tagħmel kampanja ta' għarfien dwar id-Diżabilità mifruxa fuq sena. It-tema ta' din il-kampanja hi **Dritt għall-Għażla**. Għalhekk diversi attivitajiet maħsuba għas-sena d-dieħla se jiġu ffinanzjati minn dawn il-fondi.

Barra minnhekk il-Kummissjoni impjegat uffiċjal biex tkun tista' tħaddem din il-kampanja u attivitajiet oħra, l-aktar dawk relatati mal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropea.

## 2.5 *European Disability Forum*

Il-Kummissjoni hi membru osservatur tal-*European Disability Forum* (EDF) li hi l-organizzazzjoni prinċipali fi ħdan l-Unjoni Ewropea f'dan is-settur. Permezz ta' dan il-forum, il-Kummissjoni żżomm ruħha aġġornata ma' dak li jkun qed jiġri fl-Ewropa f'dan il-qasam.

## 2.6 Konferenzi Ewropej

Il-Kummissjoni tirċievi diversi stediniet, l-aktar dawk relatati ma' l-Unjoni Ewropea, biex nieħdu sehem f'seminars, konferenzi u attivitajiet oħra barra minn Malta. Il-Kummissjoni taċċetta li tipparteċipa f'dawn l-attivitajiet skond il-mezzi finanzjarji u l-importanza tagħhom għax temmen li hi, il-persuni b'diżabilità, il-membri tal-familja u l-organizzazzjonijiet tagħhom, għandhom jibqgħu aġġornati f'dak li qed isir f'dan il-qasam kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Matul din is-sena, il-Kummissjoni pparteċipat f'dawn il-konferenzi:

- Bħala parti mill-Presidenza ta' l-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit organizza konferenza Ewropea f'Londra bit-tema ***Improving the Life Chances to Disabled People*** għall-Ministri tal-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea responsabbli mill-qasam tad-diżabilità. Malta kienet rappreżentata mill-Ministru Dolores Cristina, li kienet akkumpanjata mis-sinjuri Joseph Camilleri u Fred Bezzina, Ċermen u Direttur tal-KNPD. Din il-konferenza kienet ippreseduta mill-Ministru tar-Renju Unit għall-persuni b'diżabilità, Anne McGuire, li saħqet dwar il-bżonn li jkun hemm ħidma koordinata biex isir it-tibdil meħtieġ biex persuni b'diżabilità jkollhom għażliet indaqs. Il-Ministru Cristina tkellmet dwar il-Liġi Opportunitajiet Indaqs u l-ħidma biex l-*issues* tal-persuni b'diżabilità jkunu inklużi f'kull aspett tal-*policy* Maltija. Hi saħqet ukoll li f'pajjiżna hawn madwar 80 organizzazzjoni mhux governattivi li jaħdmu f'dan il-qasam u din il-frammentazzjoni spiss ittellef mill-ħidma effettiva li trid issir.

- Fuq nomina tal-KNPD, is-Sur Mario Borg, żagħżugħ b'diżabilità, intgħażel mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Programm *Youth* ta' l-UE sabiex jieħu sehem fil-konferenza Ewropea fuq il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'dawn il-proġetti. Din il-konferenza kellha t-tema ***Please Do Disturb*** u saret f'Hanover, il-Ġermanja.

## 2.7 Servizz Volontarju Ewropew

Matul is-sena 2005, il-KNPD ġiet approvata bħala *host organisation* mis-Servizz Volontarju Ewropew fi ħdan il-Programm *Youth* ta' l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li żgħażagħ b'diżabilità li jixtiequ jagħmlu xogħol volontarju f'pajjiż ta' l-UE jistgħu japplikaw mal-KNPD biex jagħmlu dan f'Malta. Żagħżugħa volontiera Ungeriża, Svilvia Nyusti, li hi persuna nieqsa mid-dawl, uriet interess f'dan il-proġett. Saret applikazzjoni mill-KNPD sabiex hi tkun tista' tiġi tagħmel xogħol volontarju għal tliet xhur f'Malta. Din l-applikazzjoni ntlaqgħet u s-Sinj Nyusti għamlet'xogħol volontarju fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-persuni neqsin mid-dawl f'Santa Venera u fiċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Kottonera. Hi kellha wkoll l-opportunità li żżur organizzazzjonijiet diversi li joffru servizzi lill-persuni b'diżabilità f'Malta.

## 2.8 Sapport lil Entitajiet Oħra

Il-Kummissjoni wkoll tat sapport lill-entitajiet li jaħdmu f'dan il-qasam biex jibbenefikaw minn programmi ta' l-Unjoni Ewropea. Matul din is-sena, is-segretarjat tal-Kummissjoni għen biex:

- Il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' *Respite Care* tmexxi proġett ta' netwerking li ġie aċċettat mill-Programm *Youth* ta' l-UE. It-tema ta' dan il-proġett hi ***Empowering Young Europeans with Intellectual Disability*** u għandu l-għan li żgħażagħ b'diżabilità intellettwali u/jew imġiba diffiċli li jieħdu sehem fih ikollhom l-opportunità li jitgħallmu aktar dwar id-drittijiet tagħhom. Imsieħba oħra f'dan il-proġett hemm l-Aġenzija SAPPORT, is-Servizzi ta' Matul il-Jum minn Malta kif ukoll għaqdiet mill-Polonja, il-Greċja, ir-Renju Unit, il-Ġermanja u l-Iżvezja. Il-KNPD tat u se tkompli tagħti s-sapport amministrattiv meħtieġ biex dan il-proġett ikompli matul l-2006.

- Grupp ta' 5 persuni li jaħdmu ma' l-Aġenzija SAPPORT u fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum għamlu żjara ta' studju ta' ġimgħa fl-Iżvezja fejn huma saru jafu aktar mill-qrib ix-xogħol li jsir fl-organizzazzjoni *Foreningen Salta By*, li toffri servizzi residenzjali u ta' matul il-jum għal persuni b'diżabilità. Iż-żjara kienet possibbli bis-saħħa tal-fondi mill-Programm Leonardo ta' l-UE.

# APPENDIĊI A

# Statistika mir-Reġistru Nazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità

**TABELLA 1**

## Statistika skond l-Età u s-Sess

| | | | | % | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Età** | **Nisa** | **Irġiel** | **Total** | **2005** | **2003** | **Diff** |
| 0-4 | 37 | 53 | 90 | 0.99 | 5.40 | -4.41 |
| 5-9 | 97 | 147 | 244 | 2.69 | 4.48 | -1.79 |
| 10-14 | 128 | 183 | 311 | 3.43 | 4.15 | -0.72 |
| 15-19 | 115 | 195 | 310 | 3.42 | 5.03 | -1.61 |
| 20-24 | 132 | 216 | 348 | 3.85 | 4.07 | -0.22 |
| 25-29 | 158 | 225 | 383 | 4.21 | 3.61 | 0.60 |
| 30-34 | 143 | 202 | 345 | 3.81 | 5.27 | -1.46 |
| 35-39 | 153 | 183 | 336 | 3.71 | 4.91 | -1.20 |
| 40-44 | 170 | 254 | 424 | 4.68 | 5.98 | -1.30 |
| 45-49 | 212 | 321 | 533 | 5.89 | 5.99 | 0.10 |
| 50-54 | 236 | 347 | 583 | 6.44 | 5.97 | 0.47 |
| 55-59 | 281 | 430 | 711 | 7.88 | 6.2 | 1.68 |
| 60-64 | 236 | 380 | 616 | 6.79 | 6.95 | -0.16 |
| 65-69 | 288 | 361 | 649 | 7.14 | 8.11 | -0.97 |
| 70-74 | 368 | 372 | 740 | 8.15 | 8.61 | -0.46 |
| 75-79 | 441 | 385 | 826 | 9.11 | 7.94 | 1.17 |
| 80-84 | 435 | 324 | 759 | 8.43 | 4.3 | 4.13 |
| >85 | 453 | 345 | 798 | 8.76 | 3.02 | 4.61 |
| Mhux Magħruf | | | 57 | 0.61 | | |
| **Total** | **4083** | **4923** | **9063** | | | |

TABELLA 2

## Statistika Skond l-Età matul is-Snin

| | 0 - 16 | | 17 – 5 | | 60+ | | Mhux Speċifikat | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sena | No. | % | No. | % | No. | % | | |
| 1994 | 815 | 24.5 | 1839 | 55.2 | 651 | 19.5 | 25 | **3330** |
| 1999 | 1089 | 17.2 | 2961 | 46.7 | 2286 | 36.1 | 4 | **6340** |
| 2003 | 1260 | 16.6 | 3388 | 44.5 | 2962 | 38.9 | 0 | **7610** |
| 2005 | 764 | 8.4 | 3854 | 42.5 | 4388 | 48.4y | 57 | **9063** |

TABELLA 3

## Statistika Skond in-Nuqqas

| | Totali | | % | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Tip ta' Nuqqas | 2005 | 2003 | 2005 | 2003 | Differenza |
| Fiżiku | 5338 | 3819 | 58.98 | 50.18 | 8.80 |
| Intellettwali | 1895 | 1314 | 20.91 | 17.27 | 3.64 |
| Psikoloġiku | 849 | 493 | 9.37 | 6.48 | 2.89 |
| Vista | 1127 | 757 | 12.44 | 9.95 | 2.49 |
| Smigħ | 986 | 636 | 10.88 | 8.36 | 2.52 |
| Aktar minn wieħed | 1767 | 1166 | 19.50 | 15.32 | 4.18 |
| Mhux Speċifikat | 1484 | 2025 | 16.37 | 26.61 | -10.24 |

*Nota: It-totali huma akbar minħabba li hemm numru ta' persuni li għandhom aktar minn nuqqas wieħed*

TABELLA 4

## Prevalenza tad-Diżabilità Mqabbla mal-Popolazzjoni

| Sena | Prevalenza (%) |
|---|---|
| 1994 | 0.9 |
| 1999 | 1.6 |
| 2003 | 1.9 |
| 2005 | 2.3 |

TABELLA 5

## Statistika Skond in-Nuqqas u l-Età

| | Fiżiku | % | Psikoloġiku | % | Intellettwali | % | Smigħ | % | Vista | % | Aktar minn Nuqqas Wieħed | % |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 0-4 | 37 | 0.69 | 43 | 2.27 | 12 | 1.41 | 8 | 0.71 | 8 | 0.81 | 19 | 1.08 |
| 5-9 | 101 | 1.89 | 119 | 6.28 | 28 | 3.30 | 19 | 1.69 | 27 | 2.74 | 56 | 3.17 |
| 10-14 | 123 | 2.30 | 159 | 8.39 | 39 | 4.59 | 23 | 2.04 | 31 | 3.14 | 71 | 4.02 |
| 15-19 | 125 | 2.34 | 153 | 8.07 | 44 | 5.18 | 37 | 3.28 | 38 | 3.85 | 74 | 4.19 |
| 20-24 | 147 | 2.75 | 151 | 7.97 | 49 | 5.77 | 30 | 2.66 | 45 | 4.56 | 82 | 4.64 |
| 25-29 | 148 | 2.77 | 152 | 8.02 | 59 | 6.95 | 50 | 4.44 | 49 | 4.97 | 84 | 4.75 |
| 30-34 | 135 | 2.53 | 136 | 7.18 | 52 | 6.12 | 41 | 3.64 | 37 | 3.75 | 76 | 4.30 |
| 35-39 | 161 | 3.02 | 125 | 6.60 | 41 | 4.83 | 23 | 2.04 | 20 | 2.03 | 60 | 3.40 |
| 40-44 | 206 | 3.86 | 112 | 5.91 | 53 | 6.24 | 57 | 5.06 | 52 | 5.27 | 90 | 5.09 |
| 45-49 | 288 | 5.40 | 129 | 6.81 | 74 | 8.72 | 61 | 5.41 | 47 | 4.77 | 100 | 5.66 |
| 50-54 | 343 | 6.43 | 115 | 6.07 | 66 | 7.77 | 65 | 5.77 | 62 | 6.29 | 99 | 5.60 |
| 55-59 | 440 | 8.24 | 127 | 6.70 | 68 | 8.01 | 91 | 8.07 | 59 | 5.98 | 124 | 7.02 |
| 60-64 | 431 | 8.07 | 77 | 4.06 | 46 | 5.42 | 84 | 7.45 | 52 | 5.27 | 105 | 5.94 |
| 65-69 | 481 | 9.01 | 60 | 3.17 | 41 | 4.83 | 76 | 6.74 | 51 | 5.17 | 100 | 5.66 |
| 70-74 | 549 | 10.28 | 57 | 3.01 | 39 | 4.59 | 86 | 7.63 | 74 | 7.51 | 119 | 6.73 |
| 75-79 | 629 | 11.78 | 50 | 2.64 | 35 | 4.12 | 108 | 9.58 | 80 | 8.11 | 146 | 8.26 |
| 80+ | 994 | 18.62 | 130 | 6.86 | 103 | 12.3 | 268 | 23.79 | 254 | 25.76 | 362 | 20.49 |
| **Total** | **5338** | **100** | **1895** | **100** | **849** | **100** | **1127** | **100** | **986** | **100** | **1767** | **100** |

*Nota: It-totali huma akbar minħabba li hemm numru ta' persuni li għandhom aktar minn nuqqas wieħed*

TABELLA 6

## Prevalenza skond il-Lokalità

| LOKALITÀ | NRU | % | LOKALITÀ | NRU | % | LOKALITÀ | NRU | % |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ATTARD | 172 | 1.90 | LIJA | 64 | 0.71 | RABAT | 379 | 4.18 |
| BALZAN | 97 | 1.07 | L-IKLIN | 27 | 0.30 | SAFI | 34 | 0.38 |
| BIRGU | 73 | 0.81 | L-ISLA | 75 | 0.83 | SAN ĠILJAN | 195 | 2.15 |
| BIRKIRKARA | 512 | 5.65 | LUQA | 112 | 1.24 | SAN ĠWANN | 200 | 2.21 |
| BIRŻEBBUĠA | 161 | 1.78 | MARSA | 206 | 2.27 | SAN LAWRENZ | 14 | 0.15 |
| BORMLA | 162 | 1.79 | MARSASKALA | 137 | 1.51 | SAN PAWL IL-BAĦAR | 243 | 2.68 |
| DINGLI | 51 | 0.56 | MARSAXLOKK | 60 | 0.66 | SANNAT | 35 | 0.39 |
| FGURA | 236 | 2.60 | MDINA | 11 | 0.12 | SIĠĠIEWI | 246 | 2.71 |
| FLORIANA | 85 | 0.94 | MELLIEĦA | 166 | 1.83 | SLIEMA | 460 | 5.08 |
| FONTANA | 21 | 0.23 | MĠARR | 61 | 0.67 | SANTA LUĊIJA | 77 | 0.85 |
| GĦAJNSIELEM | 56 | 0.62 | MOSTA | 322 | 3.55 | SANTA VENERA | 185 | 2.04 |
| GĦARB | 33 | 0.36 | MQABBA | 33 | 0.36 | SWIEQI | 93 | 1.03 |
| GĦARGHUR | 30 | 0.33 | MSIDA | 152 | 1.68 | TA' XBIEX | 41 | 0.45 |
| GĦASRI | 10 | 0.11 | MTARFA | 37 | 0.41 | TARXIEN | 179 | 1.98 |
| GĦAXAQ | 79 | 0.87 | MUNXAR | 17 | 0.19 | VALLETTA | 223 | 2.46 |
| GUDJA | 46 | 0.51 | NADUR | 95 | 1.05 | VICTORIA (GĦAWDEX) | 165 | 1.82 |
| GŻIRA | 159 | 1.75 | NAXXAR | 186 | 2.05 | XAGĦRA | 74 | 0.82 |
| ĦAMRUN | 354 | 3.91 | PAOLA | 263 | 2.90 | XEWKIJA | 61 | 0.67 |
| KALKARA | 52 | 0.57 | PEMBROKE | 40 | 0.44 | XGĦAJRA | 14 | 0.15 |
| KERĊEM | 26 | 0.29 | PIETA' | 104 | 1.15 | ŻABBAR | 293 | 3.23 |
| KIRKOP | 38 | 0.42 | QALA | 38 | 0.42 | ŻEBBUĠ | 221 | 2.44 |
| | | | QORMI | 416 | 4.59 | ŻEBBUĠ (GĦAWDEX) | 45 | 0.50 |
| | | | QRENDI | 56 | 0.62 | ŻEJTUN | 280 | 3.09 |
| | | | | | | ŻURRIEQ | 175 | 1.92 |

# Attivitajiet Prinċipali tas-Sena 2005

## Attivitajiet għal Għarfien Akbar

- Il-Kummissjoni organizzat il-**Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità** bejn is-Sibt 28 ta' Novembru u l-Ħadd 4 ta' Diċembru. It-tema magħżula għal din il-Ġimgħa kienet "Ħajja Flimkien fis-Soċjetà".

- Tintemm il-**kampanja ta' sena** organizzata mill-Kummissjoni u s-Servizz tal-Ġiżwiti mar-Refuġjati bit-tema "Saħħa fid-Diversità" u tibda oħra mill-Kummissjoni weħidha bit-tema "Dritt għall-Għażla". Iż-żewġ kampanji huma ffinanzjati mill-Programm tal-Komunità biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni, programm ta' l-Unjoni Ewropea.

- **Il-Parlament tal-Persuni b'Diżabilità** sar darbtejn: wieħed immexxi mill-Onor Howitt, MEP, u l-ieħor iddiskuta proposta mir-Rapport Spiteri dwar l-Edukazzjoni Inklusiva.

- Konferenza Nazzjonali bit-tema **Ħajja Flimkien fis-Soċjetà**.

- Seminars dwar
  - il-**Liġi Opportunitajiet Indaqs u d-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea dwar id-Diskriminazzjoni minħabba Razza** organizzat flimkien mal-JRS;
  - il-**Pjan t'Azzjoni fuq id-Diżabilità** ta' l-Unjoni Ewropea;
  - Seminar dwar is-***Self Advocacy*** **għall-Persuni b'Diżabilità Intellettwali**.

- ***In-Service Course*** għall-għalliema ta' l-Istudji Soċjali dwar id-Diversità, organizzat flimkien mal-JRS

- Kompetizzjoni u Wirja ta' l-Arti - **Niġġieldu d-Diskriminazzjoni bl-Arti** organizzati flimkien mal-JRS.

- Flimkien mal-FITA ttella' stend fil-***People's Forum*** li sar waqt iċ-CHOGM.

- **Messaġġ Ministerjali** għall-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità mill-Ministru Dolores Cristina u s-Sinj Sarah Cassar, persuna b'diżabiltà.

## Il-Liġi Opportunit5ajiet Indaqs

- **Ir-rapport għas-sena Settembru 2004 - Ottubru 2005** ġie ppreżentat lill-pubbliku waqt il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità (Dettalji fuq www.knpd.org).

- Tintemm il-**konsultazzjoni** dwar ir-reviżjoni ta' din il-liġi li kienet tinkludi konferenza nazzjonali, bil-kelliem ewlieni jkun is-sur Bert Massie, Ċermen tad-*Disability Rights Commission* tar-Renju Unit.

## Servizzi lill-Persuni b'Diżabilità

- Il-Kummissjoni tat dawn is-servizzi:

1. Il-**Karta ta' l-Identità Speċjali** - 1,096 karta ġdida - żieda ta' 31% fl-applikazzjonijiet;
2. Is-**Servizz Għajnuniet Speċjali** - 209 benefiċarju minn 295-il applikazzjoni, l-ebda żieda fil-benefeċarji u żieda ta' 23% fl-applikazzjonijiet;
3. **Ħlas lura tal-VAT** fuq kompjuters u batteriji tal-*wheelchairs* - 36 talba;
4. Iċ-**Ċentru tar-Riżorsi** - 127 persuna, tnaqqis kbir fin-numru;

5 Korsijiet dwar l-**Oqsma fid-Diżabilità** - 1,242 persuna, żieda ta' 39%;
6 Il-Programm **PEKTUR** - 4 benefiċarji;
7 **Servizz lill-Persuni b'imġiba diffiċli** - 1,264 sessjoni individwali jew ta' taħriġ;
8 **Websajt** - 323 viżitatur ġdid.

- ll-Kummissjoni għamlet dawn ir-rakkomandazzjonijiet lill-entitajiet governattivi rispettivi għal dawn il-benefiċċji:

9 MEPA - ivvettjar ta' applikazzjonijiet għall-iżvilupp għall-**Aċċess għal Kulħadd** - 531 applikazzjoni, żieda ta' 22%;
10 MEPA - ivvettjar għall-***Compliance Certificate*** - 41 applikazzjoni;
11 Ministeru tal-Finanzi - **eżenzjoni mid-dazju fuq karozzi** - 157 benefiċarju, żieda ta' 39%;
12 Dipartiment tal-Liċenzji - **eżenzjoni mill-ħlas tal-liċenzji tat-triq** - 80 benefiċarju, żieda ta' 6% fl-applikazzjonijiet;
13 Kummissarju tal-Pulizija - ***Blue Sticker*** - 834 stiker ġdida, żieda ta' 75%;
14 Awtorità dwar it-Trasport - reviżjoni tad-deċiżjoniet dwar ir-***Reserved Parking*** - 77 talba, tnaqqis ta' 15%;
15 Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ - **permessi ta' xogħol lill-assistenti personali** - 32 benefiċarju;
16 Il-Ministeru tal-Familja - **kumpens finanzjarju għall-ħlas tal-VAT** fuq oġġetti li huma għall-użu ta' persuni b'diżabilità - 162 benefiċarju.

- Il-Kummissjoni temmet il-proċess biex jinbidlu l-***Blue Stickers*** kollha ħalli dawn ikun simili għal dawk użati fl-Unjoni Ewropea.

- Il-Kummissjoni ma baqgħetx tiġbor informazzjoni dettaljata dwar il-klijenti imma qiegħda tiġbor biss informazzjoni bażika li **statistika** dwarha tinsab fl-Appendiċi A ta' dan ir-rapport.

- Il-Kummissjoni u l-***Community Chest Fund*** saħħew il-kollaborazzjoni ta' bejniethom billi ċ-Ċermen tal-Kummissjoni issa hu membru tal-bord ta' dan il-Fond.

- Il-Kummissjoni ħadmet, bi ftit suċċess, biex l-Aġenzija SAPPORT, is-Servizzi ta' Matul il-Jum għall-Adulti b'Diżabilità u s-Servizz Għajnuniet Speċjali jkollhom aktar fondi biex ikunu jistgħu jipprovdu s-servizzi tagħhom lil kull min għandu bżonnhom.

- Il-Kummissjoni ħadmet biex tinstab soluzzjoni, għallinqas temporanja, għall-problema tat-**trasferiment ta' l-istudenti b'diżabilità** mill-iskejjel speċjali għas-Servizzi ta' Matul il-Jum.

## Il-Qasam Edukattiv u dak tax-Xogħol

- Il-Kummissjoni tat is-sapport kollu biex jitlesta r-**Rapport Spiteri** dwar ir-Reviżjoni ta' l-Edukazzjoni Speċjali u Inklużiva. Il-Kummissjoni tat pubbliċità massima lil dan ir-rapport, inklużа konferenza nazzjonali dwaru.

- Il-Kummissjoni tat l-appoġġ sħiħ tagħha biex jitkompla l-**proġett pilota fl-Iskola Sekondarja Marija Assunta**, il-Ħamrun, ħalli kull student b'diżabilità f'din l-iskola jkollu programm individwali edukattiv u dan jiġi segwit.

- Tlesta r-rapport dwar **l-Għoti tal-Mediċina** fl-iskejjel regolari u ngħata lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.

- Il-Kummissjoni ħadmet biex il-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ tħaddem b'mod effettiv l-iskema ta' **Sapport Permanenti lill-Impjegati b'Diżabiltà.**

## L-Aċċess Fiżiku

- Il-Gvern aċċetta rakkomandazzjoni biex ikun hemm għajnuna finanzjarja jew eżenzjoni mill-VAT fuq l-ispiża biex **tistalla lift** fid-djar ta' persuni b'diżabilità jew entitajiet volontarji jew żgħar.

- Il-Kummissjoni bagħtet *memo* lill-Awtoritajiet konċernati minħabba n-nuqqasijiet fl-**aċċessibilità għal kulħadd f'dawn il-proġetti kbar** - il-bajja ta' San Ġorġ, il-Waterfront fix-xatt ta' Pinto, it-toroq li saru mill-Protokol Taljan u r-rinnovar ta' Dar il-Mediterran.

- Il-Kummissjoni laħqet ftehim mal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' *Respite Care* biex is-servizz ta' **trasport individwalizzat** li kien jingħata mill-Fondazzjoni Trasport Ħajja Indipendenti bis-sapport finanzjarju tal-Kummissjoni issa jibda jingħata minn din il-Fondazzjoni.

## Il-Qasam tar-Riċerka

- **Għodda biex Tkejjel kemm id-Diżabilità hi Parti mill-Politika Regolari** riċerka mmexxija mil-Università ta' De Montefort dwar metodi kif il-qasam tad-diżabilità jista' jsir parti integrali mill-politika nazzjonali f'oqsma differenti. Il-Kummissjoni hi parti minn dan il-proġett Ewropew.

- **Attivitajiet u Faċilitajiet Sportivi Inklużivi** - Riċerka biex jitfasslu linji gwida dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità f'faċilitajiet u attivitajiet sportivi. Il-Kummissjoni kkoordinat dan il-programm.

- **Prattiċi Tajba biex ikun Hemm Aċċess Raġonevoli fl-Ambjent Mibni għall-Persuni b'Diżabilità** - riċerka biex ikun hemm proċedura kif għandu jiġi stabbilit x'inhu raġonevoli. Programm koordinat mill-Università ta' Leeds u ta' Malta, bil-Kummissjoni waħda mill-imseħbin.

- **Aċċess għal Taħriġ Professjonali** - il-Kummissjoni hi sħab fi Proġett Pilota sabiex persuni b'diżabilità jingħataw l-opportunità li jitħarrġu fil-qasam tas-*social work.*

## Pubblikazzjonijiet

- Il-Kummissjoni ppubblikat:
- It-tieni edizzjoni ta' ***Access for All - Design Guidelines***;
- Żewġ edizzjonijiet ta' **Indaqs;**
- Rapport tal-**Konferenza Nazzjonali dwar id-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi Qafas Ġenerali għal Trattament Ugwali fl-Impjieg**;
- Rapport tas-**Seminar dwar Opportunitajiet Indaqs għall-Persuni b'Diżabilità: Pjan t'Azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea** - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż u awdjo;
- Rapport dwar is-**Seminar tas-*Self***

***Advocacy***;
- Fuljett dwar is-**Servizzi tal-Kummissjoni** - verżjoni Ħafif-biex-Taqra;
- Fuljett Ħafif-biex-Taqra dwar is-***Self-Advocacy***;
- Ir-Rapport Annwali dwar il-**Liġi Opportunitajiet Indaqs - Il-Ħames Edizzjoni;**
- **Ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni għas-Sena 2004;**
- Ktejjeb **Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità** fuq DVD bil-Lingwa tas-Sinjali u verżjoni Ħafif-biex-Taqra.

## Il-Qasam Internazzjonali

- Il-Kummissjoni kompliet tieħu sehem fid-diskussjonijiet fuq il-livell Ewropew dwar il-**Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda** dwar il-Persuni b'Diżabilità

- Il-Kummissjoni kompliet tieħu sehem fil-ħidma tal-**Grupp ta' Uffiċjali Għolja dwar id-Diżabilità** ta' l-Unjoni Ewropea.

- Il-Kummissjoni tat sehemha biex l-Unjoni Ewropea tippubblika r-**Rapport Dwar il-Qagħda tal-Persuni b'Diżabilità** fil-pajjiżi membri.

- Il-Kummissjoni ħadet sehem fid-diskussjoni li saret biex il-Parlament Ewropew għadda d-**Direttiva dwar il-Persuni b'Diżabilità u t-Trasport bl-Ajru.**

- Il-Ministru D Cristina flimkien ma' uffiċjali għolja tal-Kummissjoni ħadu sehem fil-konferenza ***Improving the Life Chances to Disabled People*** li saret f'Londra għall-Ministri tal-Persuni b'Diżabilità tal-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea.

## Attivitajiet Oħra

- Il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienx għad hemm il-bżonn li jkollha l-**Eżekuttiv** tagħha u għalhekk dan ma ġiex appuntat.

- L-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika aċċetta rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni biex ikun hemm żewġ mistoqijiet dwar il-persuni b'diżabilità fiċ-**Ċensiment Nazzjonali**.

- Bi qbil ma' l-Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ, il-Kummissjoni waqfet is-**Servizz tar-Relay tat-Textelefon** minħabba żviluppi ġodda fit-teknoloġija.

# Highlights of Major Activities for 2005

## Awarness Raising

- Between Saturday, 28th November and Sunday 4th December the Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) organised activities to mark **Disability Week**. The chosen theme was "Living Together in Society".

- The end of a year long campaign organised by the KNPD and the Jesuit Refugee Service (JRS) with the theme **Diversity Strengthens Us** and the start of new campaign organised by the Commission on its own with the theme" **The Right to Choose**. Both campaigns are financed by the EU Community Action Programme to Combat Discrimination.

- **The Disabled People's Parliament** was organised twice. The first session had the Hon. Richard Howitt, MEP as main speaker and the second session discussed a proposal made in the Spiteri Report on Inclusive Education.

- KNPD organised a **National Conference** with the theme "Living Together in the Community".

- Other seminars KNPD organised, included:
  - **the Equal Opportunities Act and the EU Directive on Racial Discrimination** organised in conjunction with JRS;
  - the **EU Plan of Action on Disability**;
  - **Self Advocacy for Persons** with an Intellectual Impairment.

- **In-Service Course** for teachers of Social Studies on Diversity organised together with JRS.

- **An Art competition and exhibition** with the theme "Combat Discrimination through Art" organised with JRS.

- Together with FITA, the Commission organised a stand during the **People's Forum** held during the Commonwealth Heads of Government Meeting (CHOGM) meeting.

- Together with Ms. Sarah Cassar, a person with disability, Minister Dolores Cristina delivered a **Ministerial Message** on the occasion of the International Day of Persons with Disability, 3rd December.

## The Equal Opportunities (Persons with Disability) (EOA)

- During Disability Week, the Commission organised a public presentation of the **Annual Report** (Sept. 2004 - Oct. 2005) during Disability Week. (Details from www.knpd.org).

- The Commission concluded a **consultation exercise** which is part of the revision process of the EOA. This included a national conference, which had as its keynote speaker, Mr Bert Massie, Chairman of the UK Disability Rights Commission.

## Services for Disabled Persons

- During 2005, the Commission continued to provide the following services:

1 **Special Identity Cards:** 1096 new applications showing an increase of 31 %.
2 **Assistive Apparatus Fund:** 209 beneficiaries with 295 applications showing no increase in terms of beneficiaries, but a 23 % increase in new applications.
3 **VAT Refund** on computers and wheelchair batteries: 36 requests.
4 **Resource Centre:** 127 users, a big drop in numbers.
5 **Disability Issues Courses:** 1242 persons following these courses showing an increase of 39%.
6 **PEKTUR** programme: 4 beneficiaries.
7 Service to Persons with Challenging Behaviour: 1264 individual, or training sessions.
8 **KNPD Website:** 323 new visitors.

- The Commission made its recommendations to the following government entities in respect of various benefits:

9 MEPA - **Access for All** vetting of development applications: 531 applications, showing an increase of 22%.
10 MEPA - **Compliance Certificate vetting:** 41 applications;
11 Ministry of Finance - **Registration Tax Exemption** on vehicles: 157 beneficiaries showing an increase of 39%.
12 Licensing Department - **Road Tax Exemption:** 80 beneficiaries showing an increase of 6%.
13 Commissioner of Police - **Blue Sticker:** 824 new sticker showing an increase of 75%.
- Transport Authority - **Reserved Parking Review Panel**: 77 requests showing a decrease of 15%.
- Employment and Training Corporation - **Working permits for personal assistants:** 32 applications
- Ministry for the Family & Social Solidarity - **refund on purchase of special equipment:** 162 beneficiaries.

- The Commission successfully concluded the process to ensure that the Maltese **Blue Parking Card** (known locally as the Blue Sticker), conform to the model used by the European Union member states.

- The Commission is no longer compiling detailed information about its disabled clients, instead it is collecting only basic information. **Statistics** derived from this information can be found in an Appendix A to this report.

- The Commission and the **Malta Community Chest Fund** strengthened their cooperation due to the fact that the KNPD chairman is a member of the MCCF Board.

- The Commission registered little success in its efforts to ensure that Agency SAPPORT, the Day Services for Disabled Adults, and the Assistive Apparatus Fund would be granted **increased funding** in order to enable them to provide a better service to all disabled people who needed support.

- The Commission has been working to find at least a temporary solution to the problem related to the **transition** of disabled students from Special Schools to the Day Services for Disabled Adults.

## The Education & Employment Sectors

- The Commission gave its full support in the drawing up and finalisation of the **Spiteri Report** regarding the Review of the Special and Inclusive Education sectors. KNPD is giving maximum publicity and support to this report; this included organising a national conference to discuss the report's findings and recommendations.

- The Commission gave its full support to the continuation of the pilot project with **Maria Assumpta Secondary School**. The project aims to ensure that disabled students in this school will have an Individual Educational Programme and that this programme is implemented as fully as possible.

- The Report regarding the **Administration of Medicine In Regular Schools** was finalised and presented to the Ministry of Education. KNPD made an active contribution in its drafting.

- The Commission worked so that the Employment and Training Corporation effectively run the **Supported Employment Scheme** for disabled employees.

## Physical Access

- Government accepted the Commission's recommendation to grant an exemption on VAT on the expenditure incurred to **install lifts** in residences owned by disabled persons, or those installed by NGOs or SMEs.

- The Commission sent a memorandum to the relevant authorities regarding shortcomings in **physical accessibility to** major construction projects, such as, the St George's Bay project, the Valletta Waterfront at Pinto Wharf, various new roads constructed through the Italian Government Protocol and the renovation of the Mediterranean Conference Centre.

- The Commission reached agreement with the *Foundation for Respite Care Services* for the transfer of the **individualised transport** service, which used to be provided by the *Fondazzjoni Trasport Għal Ħajja Aktar Indipendenti*, with financial backing provided by KNPD.

## The Research Sector

- **European Disability Action Mainstreaming Assessment Tool** - this is a research project, led by Leonard Cheshire International. It is studying methods how disability can become an integral party of national policy. KNPD is a partner in this European project.

- **Access to Sport Facilities and Activities** - a research project aimed at drawing up guidelines to ensure the inclusion of persons with disabilities in sports activities and facilities. KNPD is coordinating this project.

- **Good Practice for Providing Reasonable Access to the Physically Built Environment for Disabled Persons** - a research study aiming to establish what can be considered as 'reasonable' provision in this area. This programme is coordinated by the University of Leeds and the University of Malta, with the Leeds Disability Studies

Centre and KNPD as its other partners.

- **Access to Professional Training** - The Commission is a partner in this pilot project, the aim of which is to provide support so that persons with a disability will be able to avail themselves of professional training in social work.

## Publications

- The Commission published:
- 2nd Edition of **Access for All - Design Guidelines**.
- Two editions of **Indaqs.**
- Proceedings of the **Conference on The EU Directive Establishing a General Framework on Equal Treatment in Occupation and Employment**.
- Proceedings of the **Seminar on Equal Opportunities for Persons with Disability**.
- **Equal Opportunities Plan of Action of the EU**.
- Proceedings of the Seminar on **Self Advocacy**.
- A leaflet on the **Commission's services** - an Easy-to-Read version in Maltese.
- An Easy-to-Read leaflet in Maltese on **Self-Advocacy**.
- An annual report of the workings of the **Equal Opportunity (Persons with Disabiliy) Act** - 5th Edition.
- **KNPD's Annual Report for 2004**.
- The booklet **Servizzi u Benefiji g'all-Persuni b'Diżabilità** on DVD in Maltese Sign Language and in an Easy-to-Read format.

## International Activities

- KNPD kept up its involvement in the following:
- discussions regarding the drafting of a **United Nations Convention on the Rights of Persons with Disability**;
- participation in the **EU High Level Group on Disability**;
- the drafting of the **EU Report on the Situation of Persons with Disability** in the member states;
- participation in the discussion which took place in the European Parliament regarding the passege of the **EU Directive on Air Travel and Persons with Disability**.

- The Minister for the Family and Social Solidarity, the Hon. Dolores Cristina, together with KNPD officials took part in the conference, held in London for EU Ministers responsible of disability issues, and entitled: **Improving the Life Chances to Disabled People**.

## Other Activities

- KNPD decided that there was no longer the need to maintain an **Executive Committee** and therefore this committee was not re-appointed.

- The **National Office of Statistics** accepted KNPD's recommendation to include two questions related to disability in the **National Census**.

- Due to its being superseded by new advances in ICT technology and following agreement with the *Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ*, KNPD discontinued the **Text Telephone Relay Service**.